MALTA

ATT Nru. XXXIV ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex iwaqqaf Awtorità għal Attivitajiet Finanzjarji u Kummerċjali Internazzjonali minn ġewwa Malta, biex jirregola dawk l-attivitajiet u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li huma anċillari jew inċidentali għalihom jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.

ACT No. XXXIV of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to establish an Authority for International Financial and Trading Activities from within Malta, to regulate such activities and to provide for matters ancillary or incidental thereto or connected therewith.

ATT TA' L-1988 DWAR ATTIVITAJIET KUMMERĊJALI INTERNAZZJONALI TA' MALTA

Arranġament ta' Sezzjonijiet

PRELIMINARI

Sezzjoni

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.

TAQSIMA I — L-AWTORITÀ DWAR IL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI TA' MALTA

3. Twaqqif ta' l-Awtorità.
4. Funzjonijiet ta' l-Awtorità.
5. Tqassim tad-dmirijiet ta' l-Awtorità.
6. Kompożizzjoni tal-Bord ta' Gvernaturi.
7. Laqgħat tal-Bord ta' Gvernaturi.
8. Kompożizzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.
9. L-Eżekuttiv u personnel ieħor ta' l-Awtorità.
10. Rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' l-Awtorità.
11. Konfidenzjalità.
12. Mod ta' eżerċizzju ta' funzjonijiet mill-Awtorità.
13. Provvedimenti dwar kapital u dwar finanzi.
14. Estimi u nfieq.
15. Setgħat ta' l-Awtorità.
16. Avvanzi mill-Gvern.
17. Iffissar u allokazzjoni ta' profitti.
18. Sena Finanzjarja.
19. Verifika.
20. Kontijiet annwali.
21. Eżenzjoni mit-taxxi.

TAQSIMA II — KUMPANNIJI OFFSHORE

22. Tifsir ta' kumpanniji *offshore*.
23. Xorta ta' kumpanniji *offshore*.
24. Reġistrazzjoni ta' kumpanniji *offshore*.
25. Reġistrazzjoni u drittijiet annwali.
26. Kumpannija li ma tibqax tkun kumpannija *offshore* minħabba f'attivitajiet illegali.
27. Applikazzjoni ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali.
28. Applikazzjoni ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju għal kumpanniji *offshore* bankarji.
29. Applikazzjoni ta' l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni għal kumpanniji *offshore* ta' l-assigurazzjoni.
30. Sa fejn japplika l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għal kumpanniji *offshore*.
31. Eżenzjoni mit-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni.
32. Eżenzjoni mit-taxxa tal-boll.
33. Eżenzjoni mill-kontroll fuq il-kambju, dazju tad-dwana u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.
34. Dikjarazzjoni minflok prospett ta' taxxa.

35. Rimedji speċjali għal azzjonisti jew diretturi mhux żvelati ta' kumpanniji *offshore* mhux kummerċjali.
36. Eżenzjoni minn atti kawtelatorji u eżekuttivi.
37. Garanzija tingħata f'ċerti każi.
38. Konfidenzjalità fuq materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' kumpanniji *offshore*.
39. Kontinwazzjoni ta' kumpanniji.
40. Diretturi u impjegati mhux residenti ta' kumpanniji *offshore*.
41. Għażla ta' eżenzjonijiet u privileġġi.

TAQSIMA III — KUMPANNIJI NOMINEE

42. Kumpanniji *nominee* u kundizzjonijiet għall-formazzjoni tagħhom.
43. Warrant biex kumpannija tiffunzjona bħala kumpannija *nominee*.
44. Notifika ta' bidliet.
45. Revoka ta' *warrant*.
46. Funzjonijiet ta' kumpannija *nominee*.
47. Dmirijiet ta' kumpanniji *nominee*.
48. Pożizzjoni ta' diretturi u uffiċjali ta' kumpanniji *nominee*.
49. Dmirijiet oħra ta' kumpanniji *nominee* bħala segretarju ta' kumpannija *offshore*.
50. Pieni għal stqarrijiet, dikjarazzjonijiet foloz, eċċ.
51. Stralċ ta' kumpannija *nominee*.

TAQSIMA IV — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

52. Setgħa biex isiru regolamenti jew regoli.
53. Garanzija ta' eżenzjonijiet.
54. Proċedimenti kriminali.
55. Emenda ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali.

SKEDI

L-EWWEL SKEDA — Drittijiet li jitħallsu minn kumpanniji *offshore*.

IT-TIENI SKEDA — Dikjarazzjoni minflok prospett ta taxxa dwar kumpannija *offshore* mhux kummerċjali.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

2 ta' Diċembru, 1988

ATT Nru. XXXIV ta' l-1988

ATT biex iwaqqaf Awtorità għal Attivitajiet Finanzjarji u Kummerċjali Internazzjonali minn ġewwa Malta, biex jirregola dawk l-attivitajiet u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li huma anċillari jew inċidentali għalihom jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għal Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:—

"attività kummerċjali internazzjonali" tfisser attività *offshore*;

"attività *offshore*" tfisser kull kummerċ jew attività oħra eżerċitata minn Malta fi flus barranin minn persuni u ma' persuni mhux residenti f'Malta jew ma' kumpannija *offshore* oħra jew ma' *offshore trust:*

Iżda t-tmexxija jew il-provvediment ta' servizz lil kumpannija *offshore* minn kumpannija oħra ma tkunx attività *offshore* ħlief

meta l-attività tkun tikkonsisti fit-tmexxija ta' kumpanniji *offshore* ta' assigurazzjoni *captive* li jitwaqqfu u jiġu reġistrati f'Malta għall-finijiet ta' dan l-Att mill-kumpannija li tmexxihom u jkunu hekk reġistrati:

Iżda wkoll dik l-attività kummerċjali li tista' legalment issir minn persuna residenti Malta ma' bank barrani tista' bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità issir ma' kumpannija *offshore* bankarja ta' barra minn Malta jew ma kumpannija *offshore* bankarja sussidjarja, u kull attività kummerċjali hekk magħmula tkun attività *offshore;*

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar il-Kummerċ Internazzjonali ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"il-Bord" jew "Bord ta' Gvernaturi" tfisser il-Bord ta' Gvernaturi ta' l-Awtorità mwaqqaf bl-artikoli 5 u 6 ta' dan l-Att;

"flus barranin" tfisser flus barranin *convertible* u tinkludi l-European Currency Unit jew ECU;

"korp ta' persuni" tfisser kull kumpannija, għaqda, soċjetà jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew jekk ikollha personalità ġuridika sew jekk le;

"il-kumitat" jew "il-Kumitat Eżekuttiv" tfisser il-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Awtorità mwaqqaf bl-artikoli 5 u 8 ta' dan l-Att;

"kumpannija" tfisser soċjetà anonima ffurmata u reġistrata kif imiss taħt il-liġi li dak iż-żmien tkun fis-seħħ f'Malta u tinkludi korp magħqud simili inkorporat jew reġistrat barra minn Malta;

"kumpannija *nominee*" tfisser kumpannija awtorizzata li taqdi l-funzjonijiet ta' kumpannija *nominee* taħt l-artikolu 43 ta' dan l-Att;

"kumpannija *offshore*" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 22 ta' dan l-Att; u "kumpannija *offshore* bankarja", "kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni", "kumpannija *offshore* ta' kummerċ ġenerali" u "kumpannija *offshore* mhux kummerċjali" għandhom it-tifsira mogħtija lilhom rispettivament bl-artikolu 23 ta' dan l-Att;

"kumpannija *offshore* lokali" għandha t-tifsira mogħtija lilha bis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att;

"kumpannija *offshore* sussidjarja" għandha t-tifsira mogħtija lilha bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att;

"kumpanija *offshore* ta' assigurazzjoni *captive*" hija kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni li tillimita l-impriża ta' l-assigurazzjoni esklusivament għal riskju ta' kumpanniji li jkunu mem-

bri ta' grupp ta' kumpanniji, li tiegħu hi stess tkun membru, u jkollha kumpannija waħda matriċi ċentrali jew *holding company* waħda ma' kumpanniji li jkunu l-azzjonisti waħdenin tal-kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni u s-sussidjarji tagħhom u tinkludi kumpannija li hi rikonoxxuta mill-Awtorità bħala kumpannija *offshore* ta' assigurazzjoni *captive;*

"*kumpannija offshore* ta' barra minn Malta" għandha t-tifsira moghtija lilha bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att;

"kumpannija ta' barra minn Malta" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 176 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal attivitajiet kummerċjali internazzjonali;

"*offshore trust*" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-Att ta' l-1988 dwar l-*Offshore Trusts*;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni;

"persuna kwalifikata", għar-rigward ta' azzjonist ta' kumpannija *offshore* jew għar-rigward ta' persuna li jkollha interess f'kumpannija *offshore*, tfisser persuna mhux residenti f'Malta u riferenzi għal persuna li jkollha interess kif imsemmi hawn fuq għandhom jiftehmu f'dak is-sens;

"preskritt" tfisser preskritt b 'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

"proprjetà" tfisser proprjetà ta' kull xorta jew deskrizzjoni, sew jekk mobbli jew immobbli, personali jew reali, u kulfejn tinsab;

"il-Qorti" tfisser is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet;

"reġistru" tinkludi kull xorta ta' *record*;

"residenti f'Malta" tfisser:

(a) fil-każ ta' individwu, persuna li jew tkun ordinarjament residenti f'Malta jew tkun domiċiljata f'Malta;

(b) fil-każ ta' korp ta' persuni, kull korp tali li jiġi ffurmat u reġistrat f'Malta jew li jkollu l-post prinċipali tannegozju tiegħu f'Malta, jew li jkun kontrollat, direttament jew indirettament minn persuna jew persuni residenti f'Malta:

Iżda individwu li ordinarjament jirresjedi f'Malta u jkun hekk intitolat li jirresjedi bis-saħħa ta' permess ta' residenza maħruġ taħt l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni, u d-dipendenti ta' dik il-persuna, għandu jitqies li ma jkunx residenti f'Malta għall-fini ta' dan l-Att; Att IX ta' l-1970.

Iżda wkoll li għall-finijiet ta' dan l-Att kumpannija li hi hi stess kumpannija *offshore* ma titqiesx li hi residenti f'Malta.

(2) Kull riferenza f'dan l-Att għal xi liġi jew dispożizzjoni tagħha għandha tiftiehem bħala riferenza għal dik il-liġi jew dispożizzjoni li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien u għandha tinkludi riferenza għal kull liġi li tissostitwixxi dik il-liġi jew dispożizzjoni, u għal kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtha.

(3) Kliem u espressjonijiet użati f'dan l-Att b'riferenza għal xi liġi oħra għandhom, safejn ikun meħtieġ biex jagħtu effett lil dan l-Att, u konsistentement mad-dispożizzjonijiet tiegħu, ikollhom l-istess tifsir bħalma għandhom fil-liġi li b'referenza għaliha huma wżati f'dan l-Att.

(4) Kull riferenza f'dan l-Att għal reat kriminali konness barra minn Malta, jew kontra l-liġi ta' pajjiż li ma jkunx Malta, jew għal att li jekk ikun magħmul f'Malta jkun reat kriminali kontra l-liġi ta' Malta, għandha tiftiehem bħala limitata għal reati li jkunu reati ta' estradizzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1978 dwar l-Estradizzjoni.

Att XVII ta' l-1978.

(5) F'dan l-Att u f'kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, it-test Ingliż għandu jipprevali.

TAQSIMA I

L-Awtorità dwar il-Kummerċ Internazzjonali ta' Malta

Twaqqif ta' l-Awtorità.

3. (1) Għandu jkun hemm Awtorità li għandha tissejjaħ l-Awtorità dwar il-Kummerċ Internazzjonali ta' Malta.

(2) L-Awtorità għandha tkun korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta u li jkun jista' jidħol għall-kuntratti, jakkwista u jiddisponi minn proprjetà ta' kull xorta għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, tħarrek u jiġi mħarrek u li jagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u jidħol għal dawk it-transazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew qadi ta' xi funzjonijiet tiegħu imsemmija hawn fuq.

Funzjonijiet ta' l-Awtorità.

4. (1) Bla ħsara għal xi setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni ta' l-Awtorità —

(a) li tippromwovi lil Malta bħala ċentru għal attivitajiet *offshore*;

(b) li tgħin lil għaqdiet korporati u entitajiet u persuni oħra biex jistabbilixxu attivitajiet *offshore* minn ġewwa Malta;

(ċ) li tagħmel stima u valutazzjoni ta' kull attività *offshore* kummerċjali proposta;

(d) li ssegwi u tissorvelja attivitajiet *offshore* sabiex tassigura li jkunu qiegħdin jiġu mwettqa skond il-liġi u partikolarment li ma jkunux qiegħdin jitmexxew f'dawk l-arei jew b'dak il-mod biex jaqdu l-għanijiet ta' attivitajiet illeċiti, sew f'Malta sew barra minn Malta, jew xort'oħra b'detriment għall-interessi ta' Malta;

(e) li tagħti pariri lill-Gvern ġeneralment dwar kull materja msemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu.

(2) L-Awtorità għandha, minkejja kull liġi oħra, tkun iċ-ċentru u l-mezz li fih u li permezz tiegħu il-Ministeri u d-Dipartimenti kollha tal-Gvern u l-korpi jew awtoritajiet oħra kollha mwaqqfa bil-liġi, għandhom jaġixxu fil-materji kollha, u bis-saħħa tas-setgħat kollha tagħhom, dwar l-attivitajiet *offshore* kollha regolati b'dan l-Att u dwar korpi u persuni oħra li jkunu reġistrati, jew li jkunu qed ifittxu li jiġu reġistrati, għal dak il-għan taħt dan l-Att, kif ukoll iċ-ċentru u l-mezz li kull korp jew persuna oħra bħal dawk għandhom japplikaw lilu u permezz tiegħu jiksbu xi permess, liċenza jew awtorizzazzjoni oħra, jew, kull ħaġa oħra li jistgħu ikunu jeħtieġu u li permezz tiegħu għandhom jikkomunikaw ma' xi awtorità minn dawk imsemmija hawn fuq. B'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, kull investigazzjoni, spezzjoni, jew att ieħor simili li xi awtorità bħal dik tista' tqis xieraq li titwettaq u kull tagħrif li dik l-awtorità tista' teħtieġ, għall-għanijiet ta' xi funzjoni tagħha taħt il-liġi, dwar xi attività *offshore* jew korp jew persuna li tkun qed twettaq dik l-attività, għandhom isiru jew miksuba permezz ta' l-Awtorità.

(3) Għandu jkun id-dmir ta' l-Awtorità li tesegwixxi l-funzjonijiet mogħtija lilha bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu bil-ħeffa u b'effiċjenza; u għandu jkun id-dmir partikolari tal-Bord tal-Gvernaturi li jassigura li kull att jew ħaġa li jkun se jagħmel il-Kumitat Eżekuttiv bis-saħħa tas-subartikolu hawn fuq imsemmi jsir għas-sodisfazzjon tal-ministeru, dipartiment, korp jew awtorità oħra li għaliha tkun meħtieġa taġixxi; u jekk dik l-awtorità ma tkunx ħekk sodisfatta, jew turi xi kawża ġusta oħra, il-funzjoni u s-setgħat tagħha għandhom, bl-approvazzjoni tal-Kabinett, jiġu eżerċitati direttament mill-awtorità konċernata f'kull materja u b'dak il-mod li jista' jkun ħekk approvat.

Tqassim tad-dmirijiet ta' l-Awtorità.

5. (1) L-Awtorità għandha tkun tikkonsisti f'Bord ta' Gvernaturi u Kumitat Eżekuttiv.

(2) Il-Bord ta' Gvernaturi għandu jkun responsabbli għall-*policy* li għandha tiġi adottata mill-Awtorità u li għandha tiġi esegwita u segwita mill-Kumitat Eżekuttiv u li jassigura li l-Kumitat jesegwixxi dawk il-funzjonijiet. Waqt li jkun qed jistabbilixxi dawk il-*policies* il-Bord għandu jsegwu l-linji ta' gwida ġenerali dwar il-*policy* ekonomika stabbilita mill-Gvern. Il-Bord għandu wkoll ikun responsabbli biex jagħti pariri lill-Gvern kif hemm provdut fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att, biex jagħti pariri lill-Ministru taħt l-artikolu 52 ta' dan l-Att u għall-għoti ta' xi *warrant* ta' għarfien taħt dan l-Att.

(3) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-*policy* stabbilita mill-Bord u għall-qadi tal-funzjonijiet

kollha ta' l-Awtorità li ma humiex attribwiti b'dan l-Att lill-Bord skond dik il-*policy* u suġġetti għas-sorveljanza ġenerali tal-Bord.

(4) La l-Bord ta' Gvernaturi u lanqas xi membru individwali jew membri tiegħu ma għandhom ikollhom aċċess għal xi informazzjoni fil-pussess ta' jew taħt il-kontroll ta' l-Awtorità dwar xi persuna li tkun qed tesegwixxi attivitajiet *offshore* taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Bla ħsara għal dak li ntqal qabel, għandu jkun id-dmir tal-Kumitat Eżekuttiv li jipprovdi lill-Bord dik l-informazzjoni kollha li l-Bord ikun jista' jeħtieġ għall-qadi sewwa tal-funzjonijiet tiegħu, u b'mod partikolari tad-dmir tiegħu li jassigura li l-*policies* tiegħu jkunu qegħdin jiġu esegwiti sewwa.

Għamla tal-Bord ta' Gvernaturi.

6. (1) Il-Bord ta' Gvernaturi għandu jkun magħmul minn *Chairman*, li għandu jkun ukoll il-President ta' l-Awtorità u dak innumru ta' membri oħra li minn żmien għal żmien jistgħu jiġu maħtura li minnhom:

(a) tnejn għandhom ikunu uffiċjali pubbliċi anzjani li jaqdu dmirijiet wieħed fil-Ministeru responsabbli għal attivitajiet kummerċjali internazzjonali u l-ieħor fil-Ministeru tal-Finanzi, rispettivament;

(b) wieħed għandu jkun uffiċjal anzjan tal-Bank Ċentrali ta' Malta; u

(c) mhux aktar minn tlieta għandhom jiġu magħżula minn fost persuni li ddissingwew ruħhom fin-negozju, relazzjonijiet industrijali, attivitajiet finanzjarji, il-professjonijiet, is-servizz pubbliku jew affarijiet akkademiċi.

(2) Il-membri kollha tal-Bord imsemmijin fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandhom jiġu magħżula mill-Prim Ministru.

(3) Il-membri tal-Bord għandhom, kemm-il darba l-ħatra tagħhom ma ttemx qabel, iżommu l-kariga tagħhom għal dak il-perijodu, li ma jkunx iżjed minn ħames snin, li jkun speċifikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom, u għandhom ikunu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid.

(4) Persuna ma tikkwalifikax biex tiġi maħtura, jew iżżomm il-kariga bħala, membru tal-Bord jekk —

(a) tkun legalment inkapaċitata; jew

(b) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet kompożizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

(ċ) tkun ġiet misjuba ħatja ta' delitt li jolqot il-fiduċja pubblika jew serq jew ta' frodi jew talli xjentement tkun irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew bi frodi; jew

(d) tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat kontra dan l-Att.

(5) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Prim Ministru minħabba f'inkapaċità li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, kemm jekk minħabba mard mentali jew korporali, jew għal xi raġuni oħra, jew għal imġieba ħażina; u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu assenza ripetuta u mhux ġustifikata minn laqgħat tal-Bord tista' titqies li tammonta għal imġieba ħażina.

(6) Membru tal-Bord jista' wkoll jirriżenja mill-kariga tiegħu permezz ta' ittra indirizzata lill-Prim Ministru.

Laqgħat tal-Bord ta' Gvernaturi.

7. (1) Il-Bord ta' Gvernaturi għandu jiltaqa' spiss kemm ikun meħtieġ jew spedjenti, iżda f'ebda każ inqas spiss minn darba kull tliet xhur. Il-laqgħat għandhom jiġu msejħa miċ-*Chairman* kemm fuq l-inizjattiva tiegħu stess kif ukoll fuq it-talba ta' xi tnejn mill-membri l-oħra.

(2) Il-Bord ma għandux jaġixxi kemm-il darba ma jkunx preżenti *quorum* ta' mhux inqas minn erba' membri.

(3) Il-laqgħat tal-Bord għandhom jiġu presjeduti miċ-*Chairman* jew, fl-assenza tiegħu, minn membru elett għall-laqgħa partikolari mill-membri l-oħra preżenti f'dik il-laqgħa.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u li jivvotaw; u fil-każ ta' voti ndaqs il-membru li jkun qed jippresjedi l-laqgħa għandu jkollu u jeżerċità vot ieħor jew vot deċisiv.

(5) Iċ-*Chief Executive* u d-Deputat *Chief Executive* ta' l-Awtorità għandhom ikunu intitolati li jattendu l-laqgħat tal-Bord u li jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tiegħu, iżda ma għandu jkollhom ebda vot.

(6) Kull vakanza fost il-membri tal-Bord, u xi parteċipazzjoni fih minn persuna li ma tkunx intitolata li tagħmel dan, ma għandhomx jinvalidaw il-proċedimenti tal-Bord.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Kompożizzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

8. (1) Il-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Awtorità għandu jkun jikkonsisti fi —

(a) iċ-*Chief Executive* ta' l-Awtorità li jkun ukoll iċ-*Chairman* tal-Kumitat Eżekuttiv;

(b) id-Deputat *Chief Executive* ta' l-Awtorità; u

(ċ) mhux aktar minn tlett membri oħra li jistgħu jiġu maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi minn fost l-uffiċjali anzjani ta' l-Awtorità.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom, safejn ikunu applikabbli, japplikaw għall-laqgħat tal-Kumitat bħalma japplikaw għall-laqgħat tal-Bord, ħlief li l-*quorum* għall-laqgħat tal-Kumitat għandu jkun ta' tlett membri.

(3) Għandu jkun hemm ukoll segretarju għall-Kumitat, maħtur mill-Kumitat bl-approvazzjoni tal-Bord, li għandu jagixxi wkoll bħala segretarju tal-Bord. Ikun id-dmir tas-segretarju li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għall-laqgħat tal-Bord u tal-Kumitat u li jżomm il-minuti ta' dawk il-laqgħat.

L-Eżekuttiv u *personnel* ieħor ta' l-Awtorità.

9. (1) Iċ-*Chief Executive* u d-Deputat *Chief Executive* ta' l-Awtorità għandhom jinħatru mill-Bord ta' Gvernaturi.

(2) L-uffiċjali u l-*personnel* l-ieħor ta' l-Awtorità għandhom jiġu maħtura jew reklutati mill-Kumitat Eżekuttiv b'dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet u f'dawk in-numri li l-Kumitat jista' bl-approvazzjoni tal-Bord jistabbilixxi:

Iżda sakemm il-Kumitat Eżekuttiv jiġi kostitwit, dawk il-ħatriet jew dak ir-reklutaġġ issir miċ-*Chief Executive* bl-approvazzjoni tal-Bord.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 ta' dan l-Att għandu japplika għal kull persuna li tkun tagħmel parti mill-*personnel* ta' l-Awtorità, jew li tkun xort'oħra impjegata minnha, li ma tkunx domiċiljata f'Malta, jew jekk tkun hekk domiċiljata, ma tkunx ordinarjament residenti f'Malta, bħalma japplikaw għall-impjegati ta' kumpanniji *offshore*.

Rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' l-Awtorità.

10. (1) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' l-Awtorità għandha tkun vestita fiċ-*Chief Executive:*

Iżda l-Kumitat jista' jaħtar xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew impjegati tiegħu biex jidhru f'isem u għall-Awtorità f'xi proċedimenti ġudizjarji jew f'xi att, kuntratt, kitba legali jew dokument ieħor.

(2) Kull dokument li jkun jidher li jkun sar jew maħruġ mill-Awtorità u li jkun jidher li jkun iffirmat miċ-*Chief Executive* għandu jiġi riċevut bħala xhieda u għandu, sakemm jiġi ppruvat il-kuntrarju, jitqies li jkun sar jew maħruġ mill-Awtorità.

Konfidenzjalità.

11. (1) L-Awtorità għandha titratta d-dokumenti u l-informazzjoni l-oħra kollha li jkunu fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha, jew li xort'oħra jiġu għall-konjizzjoni tagħha, dwar persuni li leġittimament ikunu qegħdin imexxu attivitajiet *offshore* taħt dan l-Att, u l-materji u l-ħwejjeġ kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' dawk il-persuni dwar l-attivitajiet *offshore* tagħhom, bħala sigrieti u konfidenzjali, u ma għandhiex tara li tidentifika l-individwi jew persuni oħra li jkollhom interess f'attivitajiet leġittimi bħal dawk.

(2) L-obbligi mposti fuq l-Awtorità bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jestendu għall-membri kollha tal-Bord ta' Gvernaturi u tal-Kumitat Eżekuttiv u għall-uffiċjali u impjegati kollha ta' l-Awtorità; u dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 38 ta' dan l-Att għandhom, bla ħsara għall-ġeneralità tagħhom, japplikaw għal kull wieħed minn dawk il-persuni kollha.

(3) Ħlief fejn ikun essenzjalment meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att jew skond kif permess taħtu, ebda membru, uffiċjal jew im-

pjegat kif imsemmi qabel ma jkun meħtieġ jippreżenta jew jiżvela lil xi qorti, tribunal, bord, kumitat ta' inkjesta jew awtorità oħra xi dokument, informazzjoni jew materja oħra li tiġi għall-konjizzjoni tiegħu jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu għal xi raġuni, tkun xi tkun, li huwa għandu jittratta bħala ħaġa sigrieta jew konfidenzjali taħt dan l-artikolu.

Mod ta' eżerċizzju ta' funzjonijiet mill-Awtorità.

12. (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, u partikolarment fit-tmexxija ta' xi investigazzjoni biex tassigura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunu qegħdin jiġu osservati, jew ebda attivitajiet illegali ma jkunu qegħdin isiru, jiġu mgħejunin jew inkoraġġiti, jew li ebda eżenzjoni jew privileġġ mogħti mhu qed jiġi abbużat, l-Awtorità għandha tuża dik id-diskrezzjoni li tkun kompatibbli maddmir tagħha ta' konfidenzjalità; iżda, bla ħsara għal dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità għandha jkollha setgħa li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u li titlob dik l-informazzjoni skond kif ikun meħtieġ għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Jekk fit-tmexxija ta' xi investigazzjoni kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità ssib illi l-investigazzjonijiet ma jkunux jistgħu isiru kif ikun hemm bżonn kemm-il darba ma tinkisibx informazzjoni dwar individwi, attivitajiet u transazzjonijiet jew materji oħra li jkunu jridu jiġu trattati bħala konfidenzjali, l-Awtorità għandha tara li dawk l-investigazzjonijiet jiġu mmexxija mill-Qorti ta' l-Appell *in camera* taħt ġurament ta' segretezza meħud mill-imħallfin li jikkostitwixxu dik il-Qorti qabel ma tibda l-investigazzjoni; u l-Qorti ta' l-Appell għandha, bl-urġenza xierqa, tmexxi dawk l-investigazzjonijiet u tagħmel rapport dwar ir-riżultat tagħha lill-Awtorità, waqt li tiżvela biss dawk il-fatti, persuni jew materji oħra, li r-riżultat ta' l-investigazzjonijiet tagħha juri li jkunu bi ksur ta', jew li jkunu kisru, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew li jkunu jew ikunu kkommettew reat kriminali, kemm jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew li jkun reat kriminali jekk jiġi kommess f'Malta, flimkien ma' dak il-materjal li bih l-awtoritajiet f'Malta jkunu jistgħu jieħdu l-passi xierqa fiċ-ċirkostanzi; u għall-finijiet ta' xi azzjoni bħal dik, kull ħaġa li tiġi żvelata mill-Qorti ta' l-Appell kif intqal qabel ma tibqax tkun konfidenzjali u tista' tiġi trattata mill-awtoritajiet imsemmija f'dak is-sens.

(3) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-artikolu, il-Qorti ta' l-Appell għandu jkollha s-setgħat kollha ta' dik il-qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha.

Provvedimenti dwar il-kapital u dwar il-finanzi.

13. (1) Is-somma ta' ħames mitt elf lira għandha titħallas mill-Gvern lill-Awtorità mill-Fond Konsolidat, u mingħajr approprijazzjoni oħra barra minn dan l-Att, b'*warrant* li jkun iġib il-firma tal-Ministru responsabbli għall-finanzi li jawtorizza lill-*Accountant General* li jagħmel dak il-ħlas:

Iżda s-somma ta' mitejn elf lira biss tkun pagabbli mal-bidu fisseħħ ta' dan l-Att u l-bilanċ jitħallas kif u meta meħtieġ mill-Awtorità.

(2) Id-dħul ta' l-Awtorità għandu jkun jikkonsisti fi:

(a) id-dħul mid-drittijiet dwar reġistrazzjoni u drittijiet oħra li jitħallsu taħt dan l-Att;

(b) kirjiet, imgħax u profitti minn proprjetà, depożiti u attiv ieħor ta' l-Awtorità;

(ċ) kull flus oħra li l-Awtorità tista' tirċievi jew tkun irċeviet.

Estimi u nfieq.

14. (1) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jara li jiġu mħejjija għar-rigward ta' kull sena finanzjarja, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem is-sena ta' qabel għandu jadotta, estimi tad-dħul u nfieq ta' l-Awtorità għal dik is-sena finanzjarja:

Iżda l-estimi għall-ewwel sena finanzjarja ta' l-Awtorità għandhom jiġu mħejjija u adottati f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' jispeċifika b'avviż bil-miktub lill-Awtorità.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi l-Awtorità għandha tagħmel mill-aħjar biex tassigura li d-dħul totali ta' l-Awtorità jkun għall-inqas biżżejjed biex ikopri s-somom kollha li suppost jinħarġu mill-kont tad-dħul u infiq, inkluż, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dik l-espressjoni, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik l-għamla u għandu jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' snin ta' qabel skond id-direttivi tal-Bord.

(4) Kopja ta' l-estimi għandha, malli jiġu adottati mill-Kumitat Eżekuttiv, tintbagħat minnufih lill-Bord.

(5) Mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara li jkun irċieva l-estimi, il-Bord għandu japprovahom bi jew mingħajr emendi.

(6) L-Awtorità ma għandha tagħmel jew iġġarrab ebda nfieq jekk dan ma jkunx ġie approvat mill-Bord skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu;

Iżda sa qabel ma l-Bord ikun approva l-estimi, l-Awtorità tista' tagħmel jew iġġarrab infieq li ma jkunx aktar mill-infieq magħmul jew imġarrab matul l-istess perijodu tas-sena minnufih qabel:

Iżda wkoll dan is-subartikolu ma għandux japplika fl-ewwel sena finanzjarja ta' l-Awtorità qabel ma l-estimi għal dik is-sena jkunu ġew approvati mill-Bord.

(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, jekk għar-rigward ta' xi sena finanzjarja, jinstab illi l-ammont approvat mill-Bord ma jkunx biżżejjed jew tkun inqalgħet il-ħtieġa ta' nfieq għal skop li ma jkunx hemm maħsub għalih fl-estimi, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Bord u, f'każ bħal dan id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom b'kemm jista' jkun l-istess mod japplikaw għall-estimi supplimentari.

Setgħat ta' l-Awtorità.

15. (1) L-Awtorità tista':

(a) iżżomm kontijiet ma' xi bank;

(b) tinvesti xi attiv likwidu tagħha f'titoli prima klassi ta' perijodi qosra u medji skond kif ikun ġie approvat mill-Bord;

(ċ) takkwista, tixtri, tikri jew tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli li tkun meħtieġa għall-attivitajiet tagħha jew għal xi skopijiet anċillari jew inċidentali għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(2) Għall-fini tal-qadi ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tiġbor b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif imsemmi qabel, jista' bil-miktub japprova.

Avvanzi mill-Gvern.

16. Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, javvanza lill-Awtorità dawk is-somom li jista' jaqbel li jkunu meħtieġa mill-Awtorità għall-qadi ta' kull funzjoni tagħha taħt dan l-Att, u jista' jagħmel dawk l-avvanzi taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jista', wara konsultazzjoni kif imsemmi qabel, iqis li jkunu xierqa. Kull avvanzi bħal dawk jistgħu jsiru mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr aktar approprijazzjoni barra l-Att, b'*warrant* li jġib il-firma tiegħu u li jawtorizza lill-*Accountant General* biex jagħmel dawk l-avvanzi.

Iffissar u allokazzjoni ta' profitti.

17. (1) L-Awtorità tista' twaqqaf Fond ta' Riserva li għalih jista' jiġi approprijat ir-residwu ta' fondi li jidderiva mill-Kont ta' Dħul u Nfieq tagħha iżda dak il-fond ma għandu f'ebda żmien ikun akbar mill-kapital inizjali ta' l-Awtorità mħallas lilha taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att.

(2) Ir-residwu ta' fondi ta' l-Awtorità għal kull sena finanzjarja għandu jiġi stabbilit wara li l-Awtorità tkun issodisfat l-infieq korrenti kollu għal dik is-sena u wara li tkun għamlet dawk il-provvedimenti, magħduda provvedimenti għal kontinġenzi, kif ikun jidhrilha xieraq, u l-approprijazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Wara li jkunu saru l-allokazzjonijiet imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, dak li jibqa' mir-residwu għandu jitħallas lill-Gvern.

Sena Finanzjarja.

18. Is-sena finanzjarja ta' l-Awtorità għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja għandha tibda b'din id-data talbidu fis-seħħ ta' dan l-Att u għandha tagħlaq fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

Verifika.

19. Il-kontijiet ta' l-Awtorita' għandhom jiġu verifikati minn udituri maħtura mill-Bord minn fost persuni li jkunu kwalifikati li jiġu maħtura bħala udituri ta' kumpannija taħt il-liġi li tkun fis-seħħ dak iż-żmien f'Malta, bħallikieku l-Awtorita' kient kumpannija tali.

Kontijiet annwali.

20. (1) Il-Bord għandu, kmieni kemm jista' iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara għeluq kull sena finanzjarja, jgħaddi lill-Parlament permezz tal-Ministru:

(a) kopja tal-kontijiet annwali ċċertifikati mill-udituri;

(b) rapport dwar il-ħidmiet tiegħu matul is-sena.

Eżenzjoni mit-taxxi.

21. L-Awtorita' għandha tiġi eżentata minn kull responsabbilita' għall-ħlas tat-taxxa ta' l-*income* u tat-taxxa fuq dokumenti taħt xi liġi li tkun fis-seħħ dak iż-żmien.

TAQSIMA II

Kumpanniji Offshore

Tifsir ta' kumpanniji *offshore*.

22. (1) Kumpannija *offshore* hija kumpannija li fiha jikkonkorru l-kondizzjonijiet ġenerali kollha msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, u kull kondizzjoni speċjali applikabbli għat-tip partikolari ta' kumpannija *offshore*, b'mod partikolari dawk li huma msemmija fl-artikolu 23 ta' dan l-Att, jew hija kumpannija li għalija japplika s-subartikolu (3) jew is-subartikolu (4) jew is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu; u kull kumpannija bħal dik għandha tibqa' kumpannija *offshore* biss jekk, u sa dak iż-żmien li, il-kondizzjonijiet ġenerali u speċjali msemmija jkomplu jiġu sodisfatti jew is-subartikoli (3), (4) jew (5) imsemmija jkomplu japplikaw, skond il-każ.

(2) Il-kondizzjonijiet ġenerali msemmijin fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma li l-kumpannija —

(a) tkun kumpannija privata ffurmata u reġistrata taħt il-liġi li tkun fis-seħħ f'Malta dak iż-żmien;

(b) ikollha l-għanijiet tagħha espressament limitati għal attivitajiet *offshore* u għal dawk l-atti oħra biss li jkunu meħtieġa għall-operazzjonijiet tagħha minn Malta;

(ċ) ma tkunx is-sid ta' jew b'xort' oħra tippossjedi ħlief b'kiri, u għall-iskopijiet ta' l-operazzjonijiet tagħha minn Malta, xi proprjeta' immobbli sitwata f'Malta u ma tkunx is-sid ta' jew xort'oħra tippossjedi xi proprjeta' mobbli sitwata f'Malta ħlief depożiti f'kontijiet bankarji, għamara,tagħmir, materjal, dokumenti u proprjeta' oħra li raġonevolment tkun meħtieġa minnha għall-operazzjonijiet tagħha minn Malta:

Iżda kumpannija *offshore* li tkun esklussivament jew prinċipalment *holding company* tista' żżomm azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija ffurmata u reġistrata f'Malta jekk din il-kumpannija ta' l-aħħar tkun proprjeta' kollha kemm hi ta' persuni mhux residenti f'Malta, ikollha bħala l-għanijiet ewlenin tagħha l-manifattura u l-ipproċessar ta' oġġetti f'Malta u tkun sussidjarja ta' dik il-*holding company;*

(d) ma jkollha ebda parti mill-kapital jew jeddijiet ta' votazzjoni tagħha, jew xi setgħa oħra ta' kontroll, li tkun kemm direttament jew indirettament, tappartjeni lil, miżmuma jew eżerċitabbli minn, jew vestita fi, xi persuna residenti f'Malta:

(e) ma jkollha ebda persuna ħlief kumpannija *nominee* bħala n-*nominee* ta' xi persuna li tkun id-detentur effettiv ta' xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tagħha;

(f) ikollha kumpannija *nominee* jew bħala d-direttur waħdieni tagħha jew bħala s-segretarju tagħha:

Iżda kumpannija ta' reputazzjoni internazzjonali, rikonoxxuta bħala tali ma' l-Awtorità, li tkun *manager* ta' kumpannija *offshore* ta' assigurazzjoni *captive* jew tkun kumpannija *offshore* ta' assigurazzjoni *captive,* tista' jew jistgħu jiġu eżentati mill-Awtorità milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu;

(ġ) tkun reġistrata ma' l-Awtorità bħala kumpannija *offshore* taħt dan l-Att u ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun inħareg lilha mill-Awtorità;

(ħ) tħallas id-drittijiet ta' reġistrazzjoni u annwali li japplikaw għaliha meta jkunu dovuti.

(3) Dan is-subartikolu japplika għal kumpannija ta' barra minn Malta li —

(a) tkun bank jew istituzzjoni bankarja jew kumpannija ta' assigurazzjoni, ta' livell u reputazzjoni internazzjonali u li tkun konoxxuta bħala tali mill-Awtorita';

(b) tkun fi ħsiebha, jekk reġistrata taħt dan l-Att, li tistabbilixxi, u hekk tistabbilixxi, fergħa f'Malta esklussivament għal attivitajiet *offshore,* u dawk l-attivitajiet l-oħra biss li jkunu meħtieġa għall- operazzjonijiet tagħha minn Malta, u li f'kull żmien tillimita effettivament l-operazzjonijiet tagħha f'dan is-sens;

(ċ) ma tkunx is-sid ta' jew xort'oħra tippossjedi jew tikkontrolla xi proprjeta' sitwata f'Malta ħlief kif hemm provdut fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu;

(d) tkun reġistrata ma' l-Awtorità bħala kumpannija *offshore* taħt dan l-Att u ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun inħareġ lilha mill-Awtorità;

(e) tħallas id-drittijiet ta' reġistrazzjoni u drittijiet annwali li japplikaw għaliha meta jkunu dovuti;

u dik il-kumpannija hija f'dan l-Att imsejħa bħala "kumpannija *offshore* ta' barra minn Malta".

(4) Dan is-subartikolu japplika għal kumpannija privata li —

(a) tkun iffurmata u reġistrata taħt il-liġijiet li jkunu fis-seħħ dak iż-żmien f'Malta għall-iskop li tmexxi exklussivament il-kummerċ bankarju bħala kumpannija *offshore* bankarja jew l-impriża ta' l-assigurazzjoni bħala kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni, skond il-każ:

(b) tkun sussidjarja ta' bank jew istituzzjoni bankarja, jew ta' kumpannija ta' l-assigurazzjoni, skond il- każ, ta' livell u reputazzjoni internazzjonali, u li tkun konoxxuta bħala tali mill-Awtorita', sakemm l-isem tal-kumpannija sussidjarja jkun jinkludi l-isem tal-*holding company*;

(ċ) ikollha isem li jindika ċar illi hi kumpanija sussidjarja tal-*holding company* tagħha u aċċettata bħala tali mill-Awtorità;

(d) ma jkollha ebda parti mill-kapital jew jeddijiet ta' votazzjoni tagħha, jew xi setgħa oħra ta' kontroll, kemm direttament jew indirettament tappartjeni lil, miżmuma jew eżerċitabbli minn, jew vestita fi, xi persuna residenti f'Malta:

Iżda din il-kondizzjoni għandha, fil-każ ta' kumpannija eżistenti qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u li tkun liċenzjata biex tmexxi kummerċ bankarju taħt l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju, titqies li tkun ġiet sodisfatta minkejja li parti tal-kapital tagħha, li ma tkunx aktar minn għoxrin fil-mija tiegħu, tkun tappartjeni lil jew miżmuma minn persuna residenti f'Malta;

(e) ma tkunx is-sid ta' jew xort'oħra tippossjedi, jew tikkontrolla xi proprjeta' sitwata f'Malta ħlief kif provdut fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l'artikolu;

(f) tkun reġistrata ma' l-Awtorità bħala kumpannija *offshore* u ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun inħareġ lilha mill-Awtorità;

(g) tħallas id-drittijiet ta' registrazzjoni u d-drittijiet annwali li japplikaw għaliha meta jkunu dovuti:

u dik il-kumpannija hija f'dan l-Att imsejħa bħal "kumpannija *offshore* sussidjarja".

(5) Dan is-subartikolu japplika għal kumpannija privata li —

(a) tkun iffurmata u reġistrata taħt il-liġi li tkun dak iż-żmien isseħħ f'Malta, għall-iskop li tmexxi esklussivament il-kummerċ bankarju bħala kumpannija *offshore* bankarja jew l-impriża ta' l-assigurazzjoni bħala kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni, skond il-każ;

(b) tkun sussidjarja ta' kumpannija ffurmata u reġistrata taħt il-liġi li tkun dak iż-żmien isseħħ f'Malta li tkun hi nniffisha, fil-każ ta' kumpannija ffurmata biex tmexxi il-kummerċ bankarju, liċenzjata biex tmexxi dak il-kummerċ taħt l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju u, fil-każ ta' kumpannija ffurmata biex tmexxi l-impriża ta' l-assigurazzjoni, liċenzjata biex tmexxi dik l-impriża bħala prinċipal taħt l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' Assigurazzjoni;

Att V ta' -1970.

Att XVII ta' l-1981.

(ċ) ma jkollha ebda parti mill-kapital jew jeddijiet ta' votazzjoni tagħha, jew xi setgħa oħra ta' kontroll, kemm direttament jew indirettament tappartjeni lil, miżmuma jew eżerċitabbli minn, jew vestita fi, xi persuna oħra residenti f'Malta:

Iżda persuna waħda residenti f'Malta tista' żżomm dak in-numru ta' azzjonijiet fil-kumpannija li b'kollox ma jeċċedux elf lira f'valur nominali jew wieħed fil-mija tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija, liema jkun l-iżgħar numru ta' azzjonijiet, jekk tkun hekk awtorizzata mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi;

(d) ikollha l-permess tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi, għall-finijiet tal-kontroll fuq il-kambju, li topera bħala kumpannija *offshore* bankarja jew bħala kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni, skond kif ikun jeħtieġ il-każ;

(e) tkun reġistrata ma l-Awtorità bħala kumpannija *offshore* u ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun inħareġ lilha mill-Awtorità;

(f) tħallas id-drittijiet ta' reġistrazzjoni u d-drittijiet annwali li japplikaw għaliha meta jkunu dovuti:

u dik il-kumpannija hija f'dan l-Att imsejħa bħala "kumpannija *offshore* lokali".

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu kull azzjoni jew *stock* f'kumpannija jew korp magħqud ieħor reġistrat jew inkorporat barra minn Malta li tiġi kkwotata fuq *stock exchange* barrani ma għandhiex titqiegħed f'konsiderazzjoni meta jkun qed jiġi stabbilit jekk kumpannija tkunx kumpannija *offshore*.

(7) Bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, jew għal xi konsegwenzi oħra taħthom, jekk persuna residenti f'Malta jkollha interess f'kumpannija reġistrata bħala kumpannija *offshore* taħt dan l-Att u dak l-interess ikun tali li l-kumpannija ma kienx ikun imissha ġiet hekk reġistrata jew ma tibqax tkun kumpannija *offshore* bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna tkun ħatja ta' reat kontra l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju għar-raġuni biss li jkollha dak l-interess u teħel meta tinstab ħatja l-pieni stabbiliti bl-artiklu 41 ta' dak l-Att. Att XLIX ta' l-1972.

23. (1) Kumpannija *offshore* tista' tkun jew kumpannija *offshore* kummerċjali jew mhux kummerċjali. Xorta ta' kumpanniji *offshore*.

(2) Kumpannija *offshore* kummerċjali tista' tkun kumpannija *offshore* bankarja, jew kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni jew kumpannija *offshore* ta' kummerċ ġenerali.

(3) Kumpannija *offshore* bankarja hija kumpannija *offshore* li espressament tillimita l-għanijiet tagħha għall-kummerċ bankarju jew li hija kumpannija *offshore* ta' barra minn Malta jew kumpannija *offshore* sussidjarja li għaliha japplika s-subartikolu (3) jew is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att jew kumpannija offshore lokali, u li f'kull każ tillimita l-operazzjonijiet tagħha minn Malta għall-kummerċ bankarju; u kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni hija kumpannija *offshore* li espressament tillimita l-għanijiet tagħha għall-impriża ta' l-assigurazzjoni jew li hija kumpannija *offshore* ta' barra minn Malta jew kumpannija *offshore* sussidjarja li għaliha japplika s-subartikolu (3) jew is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att jew hija kumpannija *offshore* lokali u li f'kull każ tillimita l-operazzjonijiet tagħha minn Malta għall-impriża ta' l-assigurazzjoni.

(4) Għall-finijiet ta'dan l-Att, l-espressjonijiet "kummerċ bankarju" u "impriża ta' l-assigurazzjoni" għandhom it-tifsira mogħtija lilhom bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju u bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni rispettivament.

(5) Kumpannija *offshore* ta' kummerċ ġenerali jista' jkollha bħala l-għan tagħha kull kummerċ jew negozju li ma jkunx kummerċ bankarju jew impriża ta' l-assigurazzjoni.

(6) Kumpannija *offshore* mhux kummerċjali hija kumpannija *offshore* li espressament tillimita l-għanijiet tagħha għall-proprjetà, tmexxija barra minn beni u amministrazzjoni ta' beni ta' kull xorta, li hija ma tistax tkun sid tagħhom jew xort'oħra tippossjedi taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att, u għal materji inċidentali jew anċillari għalihom:

Iżda meta l-proprjetà tal-kumpannija tkun tikkonsisti f'bastiment jew bastimenti reġistrati f'Malta, il-kumpannija ma tieqafx milli tkun kumpannija *offshore* mhux kummerċjali għar-raġuni biss li topera dawk il-bastimenti:

Iżda wkoll, illi meta l-proprjetà ta', immexxija jew amministrata minn, kumpannija *offshore* tinkludi investiment kollettiv jiġifieri assi derivati minn investimenti magħmula minn, jew f'isem jew a benefiċċju ta' persuni, li ma jkollhomx il-kontroll minn jum għall-ieħor fuq it-tmexxija jew amministrazzjoni tagħha, ħlief għal assi miżmuma għal finijiet ta' xi fond għal pensjoni, *provident fund* jew fond ieħor simili aċċettat bħala tali mill-Awtorità, dik il-kumpannija ma tkunx kumpannija *offshore* mhux kummerċjali.

Reġistrazzjoni ta' kumpanniji *offshore*.

24. (1) Kull kumpannija *offshore* għandha tkun reġistrata ma' l-Awtorita' u ma għandhiex tkun tista' tibda l-kummerċ tagħha kemm-il darba u sakemm ma tkunx ġiet hekk reġistrata u ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun inħareġ għaliha mill-Awtorità.

(2) Qabel ir-reġistrazzjoni ta' kumpannija offshore, barra minn kumpannija *offshore* ta' barra minn Malta, għandha tiġi konsenjata lill-Awtorita' kopja ċertifikata tal-*memorandum* ta' assoċċjazzjoni tal-kumpannija u ta' l-istatut tagħha, jekk ikun hemm, u l-konsenja jew provdiment ta' dawk iċ-ċertifikati, dokumenti jew informazzjoni l-oħrajn li l-Awtorita' tista' teħtieġ għar-rigward tat-tip partikolari tal-kumpannija *offshore* li tapplika għar-reġistrazzjoni, flimkien ma applikazzjoni għal dik ir-reġistrazzjoni fuq il-formola preskritta jew fuq formola oħra li-l-Awtorita' tista' taċċetta:

Iżda fil-każ ta' kumpannija mhux kummerċjali, ma' l-applikazzjoni għandha tiġi konsenjata biss kopja tal-*memorandum* u ta' l-istatut, jekk ikun hemm, tal-kumpannija u dikjarazzjoni mill-kumpannija *nominee* li taġixxi bħala d-direttur waħdieni jew segretarju tagħha, li tiċċertifika li l-kumpannija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' dan l-Att biex tkun tista' tiġi reġistrata bħala kumpannija *offshore*.

(3) Qabel ir-reġistrazzjoni ta' kumpannija *offshore* ta' barra minn Malta għandha ssir applikazzjoni lill-Awtorita' fuq il-formola preskritta jew fuq formola aċċettabbli għall-Awtorita' u li tagħti dik

l-informazzjoni u dawk id-dettalji l-oħra partikolarment dwar kif u safejn il-kumpannija tkun fi ħsiebha topera minn Malta, skond kif jista' jkun preskritt jew skond kif tkun teħtieġ l-Awtorita'.

(4) Minkejja kull ħaġa li hemm fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att:

(a) kumpannija ma tiġix reġistrata bħala kumpannija *offshore* bankarja jew kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni kemm-il darba l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li il-kumpannija hi kapaċi li tmexxi sew u tiflaħ għall-kummerċ li tkun ser tagħmel, li għandha ir-riżorsi finanzjarji għal dan il-għan, u li żżomm dawn ir-riżorsi fl-attiv, u żżomm fejn ikun xieraq, marġini ta' solvibbilita' kif normalment aċċettabbli.

(b) kumpannija li il-kummerċ tagħha hu, jew jinkludi, it-tmexxija ta' kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni *captive* ma għandiex tiġi reġistrata bħala kumpannija *offshore* kemm il-darba l-kumpannija ma tippruvax għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorita' li għandha dik il-konoxxenza speċjali suffiċjenti u dik l-esperjenza prattika suffiċjenti ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni biex tagħmilha bħala tali, u li hi assigurata b'mod xieraq u adeqwat kontra r-responsabbilitajiet tagħha għal negliġenza u għemil ħażin fit-tmexxija tan-negozju tagħha; u kull kumpannija bħal dik ma tibqax iktar kumpannija *offshore* jekk għal xi żmien ma tkunx hekk assigurata għal perjodu ta' aktar minn xahar jew jekk l-Awtoritá tkun sodisfatta li l-kumpannija ma għadx għandha il-konoxxenza u l-esperjenza msemmija.

(5) Meta tkun sodisfatta li l-ħtieġiet kollha ta' dan l-Att għall-eżistenza tat-tip partikolari ta' kumpannija *offshore* li dwarha ssir applikazzjoni jkunu ġew moqdija, u li l-kumpannija tista' b'kull mod ieħor tiġi reġistrata kif jixraq, u wara li taċċerta li jkun tħallas id-dritt xieraq, l-Awtorita' għandha tirreġistra l-kumpannija bħala kumpannija *offshore*, waqt li tindika t-tip tagħha, u toħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'dak is-sens.

(6) L-Awtorità għandha żżomm reġistru tal-kumpanniji kollha reġistrati magħha taħt dan l-artikolu, li jiddistingwi bejn id-diversi tipi ta' kumpanniji, u għandha ddaħħal f'dak ir-reġistru kull tibdil li jiġi avżat lilha u dawk il-materji l-oħra kollha li jkunu relevanti għal dawk il-kumpanniji.

(7) Meta kumpannija tieqaf milli tkun kumpannija *offshore* taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, l-Awtorità għandha tħassar l-isem ta' dik il-kumpannija mir-reġistru tagħha u l-kumpannija minnufih milli tkun reġistrata ma l-Awtorita':

Iżda l-eżenzjonijiet, il-privileġġi jew il-benefiċċji l-oħra kollha mogħtija jew permessi b'xi dispożizzjoni ta' dan l-Att lil kumpanniji *offshore* u d-diretturi u l-impjegati tagħhom ma jibqgħux iseħħu minnufih malli l-kumpannija tieqaf milli tkun kumpannija *offshore*.

(8) L-Awtorità għandha, darba kull tlett xhur, tara li fil-Gazzetta u f'ġurnal lokali li joħroġ bl-Ingliż jiġi pubblikat l-isem ta' kull kumpannija li hija tkun irreġistrata bħala kumpannija *offshore* matul it-

tlett xhur ta' qabel u għandha tippubblika wkoll kif imsemmi qabel l-isem ta' kull kumpannija li isimha jkun ġie mħassar mill-imsemmi reġistru matul l-istess perjodu. L-Awtorità għandha, barra minn hekk, tippubblika, kif imsemmi qabel, u mhux aktar tard mill-wieħed u tletin ta' Jannar ta' kull sena, lista tal-kumpanniji kollha li jkunu reġistrati magħha bħala kumpanniji *offshore* sal-wieħed u tletin ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

Reġistrazzjoni u drittijiet annwali.

25. (1) Id-drittijiet li għandhom jitħallsu għar-reġistrazzjoni ta' kumpannija *offshore* u d-drittijiet li għandhom jitħallsu ta' kull sena wara r-reġistrazzjoni għandhom ikunu dawk imsemmija fl-Ewwel Skeda ta' dan l-Att. Id-dritt annwali għandu jitħallas ma' kull anniversarju tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija.

(2) Kumpannija ma tibqax tkun kumpannija *offshore* jekk id-dritt annwali applikabbli għal dik il- kumpannija ma jitħallasx fi żmien xahar mid-data li fiha jkun imiss jitħallas:

Iżda dan is-subartikolu għandu jitqies li ma kellu ebda effett jekk somma li tagħmel daqs mija u ħamsin fil-mija ta' l-ammont dovut bħala dritt annwali titħallas lill-Awtorita' mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha dak id-dritt kien dovut.

Kumpannija li ma' tibqax tkun kumpannija *offshore* minħabba f'attivitajiet illegali.

26. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 22 u 25 ta' dan l-Att. kumpannija ma tibqax tkun kumpannija *offshore* jekk ikollha dħul li jispetta lilha jew li taqla', li joriġina minn xi transazzjoni, operazzjoni jew attivita' oħra li tkun reat kriminali kontra l-liġi ta' Malta, jew li tkun offiża bħal dik jekk issir f'Malta, jew jekk tkun irċeviet jew ikollha fil-pussess jew kontroll tagħha flus jew proprjeta' oħra li l-fatt li tkun irċevejthom il-proprjeta' tagħhom, il-pussess jew il-kontroll tagħhom huwa jew ikun, reat bħal dak kif imsemmi qabel.

(2) Id-dħul, il-flus u l-proprjeta' l-oħra kollha kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ikunu suġġetti għal konfiska u jiġu konfiskati favur il-Gvern u jsiru l-proprjeta' assoluta tiegħu.

Applikazzjoni ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali.

27. (1) L-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "l-Ordinanza") għandha, għar-rigward ta' kumpannija *offshore*, ikollha seħħ suġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu kif dawn japplikaw jew ġeneralment jew għal kumpannija *offshore* partikolari jew għal tipi partikolari ta' kumpanniji *offshore*; u għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-espressjoni "kumpannija *offshore* " tinkludi kumpannija li tkun qed tiġi ffurmata li meta tiġi reġistrata taħt dan l-Att tkun kumpannija *offshore*.

(2) L-artikolu 5 ta' l-Ordinanza m'għandux japplika.

(3) L-artikolu 68 ta' l-Ordinanza għandu japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu:—

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu japplika għal kumpannija *offshore* mhux kummerċjali bħallikieku kien hemm miżjud miegħu dan il-proviso li ġej:—

"Iżda l-*memorandum* jista' jiġi sottoskritt minn kumpannija *nominee* jew minn kumpanniji *nominee* bħala nominatorji ta' persuni kwalifikati li jkollhom azzjonijiet fil-kumpannija iżda biss jekk il-*memorandum* ikun fih dikjarazzjoni mill-kumpannija jew mill-kumpanniji *nominee* li jissottoskrivu l-*memorandum* illi l-persuni kollha li għalihom ikunu qed jaġixxu jkunu persuni kwalifikati li jkollhom azzjonijiet fil-kumpannija";

(b) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiftiehem li jirrikjedi li l-kapital azzjonarju tal-kumpannija jiġi espress u mħallas fi flus barranin u jiġi diviż f'azzjonijiet f'dak is-sens;

(ċ) il-paragrafu (f) tiegħu għandu japplika għal kumpannija *offshore* mhux kummerċjali bħallikieku kien hemm miżjud miegħu dan il provizo li ġej:—

"Iżda l-*memorandum* jista' jsemmi l-isem u l-kunjom ta' wieħed biss jew aktar ta' l-ewwel diretturi tal-kumpannija u f'kull każ bħal dan, u sakemm jiġu żvelati l-ismijiet tad-diretturi l-oħra tal-kumpannija li, jżommu l-kariga minn żmien għall żmien, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza għandhom japplikaw bħallikieku d-direttur jew id-diretturi li isimhom jiġi żvelat kienu l-uniku direttur jew l-uniċi diretturi tal-kumpannija";

(d) l-artikolu għandu japplika bħallikieku l-*memorandum* kien ukoll meħtieġ li jgħid l-isem ta' l-ewwel kumpannija *nominee* li taġixxi bħala segretarju tal-kumpannija *offshore* kull meta dik il-kumpannija tkun meħtieġa li jkollha dak is-segretarju skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att.

(4) L-artikolu 70 ta' l-Ordinanza għandu japplika suġġett għall-limitazzjonijiet li jinsabu fl-artikoli ta' qabel ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att dwar l-għanijiet ta' kumpannija *offshore*.

(5) L-artikolu 74 ta' l-Ordinanza għandu japplika bħallikieku jirrikjedi wkoll li —

(a) l-kumpannija tkun reġistrata ma' l-Awtorita' taħt dan l-Att qabel ma tkun tista' tibda attivita' tagħha; u

(b) r-Reġistratur jistqarr fiċ-ċertifikat maħruġ minnu illi l-kumpannija tkun hekk biss tista' tibda l-attivita tagħha:

Iżda għar-rigward ta' kumpannija li għaliha japplika l-proviso li hemm għall-paragrafu (d) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att, l-artikolu 74 ta' l-Ordinanza għandu japplika bħallikieku kien ukoll jirrikjedi biss li l-kumpannija tkun reġistrata taħt dan l-Att qabel ma tkun tista' tkompli l-attivita' tagħha bħala kumpannija *offshore* taħt dan l-Att.

(6) L-artikolu 77 ta' l-Ordinanza ma għandux jiftiehem li jimpedixxi, jew li jipposponi s-seħħ ta', it-tnaqqis tal-kapital azzjonarju ta' kumpannija *offshore* mhux kummerċjali bil-fidwa ta' azzjonijiet imħallsa għal kollox bil-ħlas mill-kumpannija lid-detentur tagħhom ta' ammont li jkun daqs il-valur nett ta' l-attiv ta' dawk l-azzjonijiet: u l-fidwa ta' dawk l-azzjonijiet kif intqal qabel tista' ssir jekk jinkonkorru dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin —

(a) il-*memorandum* u l-istatut tal-kumpannija jkunu ġew osservati u mħarsa;

(b) il-kumpannija tkun, wara l-fidwa, f'pożizzjoni li tkopri d-djun tagħha;

(ċ) il-valur ta' l-azzjonijiet mhux mifdija ma jitnaqqasx bħala riżultat tal-fidwa; u

(d) l-azzjonijiet, darba li jkunu ġew mifdija, ma jagħtu ebda jedd ta' votazzjoni jew jeddijiet oħra ħlief u sakemm jinħarġu mill-ġdid.

(7) L-artikolu 102 ta' l-Ordinanza għandu japplika bħallikieku kien hemm miżjud miegħu dan il-proviso li ġej:—

"Iżda wkoll, l-istatut ta' kumpannija *offshore* mhux kummerċjali jista' jipprovdi għat-trasferiment ta' xi azzjoni fi jew obbligazzjoni tal-kumpannija b'kull mod imsemmi fl-istatut, jista' wkoll jipprovdi għat-trasferiment, b'dak il-mod u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu ikunu imniżżla fl-istatut, ta' xi azzjoni fi jew obbligazzjoni tal-kumpannija wara, jew li jkollhom seħħ wara, l-mewt ta' detentur ta' azzjonijiet jew ta' obbligazzjonijiet; u kull trasferiment bħal dak għandu jkun validu u effettiv u l-kumpannija għandha taġixxi fuqu, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra ta' Malta jew ta' xi liġi personali li altrimenti tkun tapplika".

(8) L-artikolu 128 ta' l-Ordinanza għandu japplika għas-segretarju ta' kumpannija *offshore* bħallikieku r-riferenzi għad-diretturi jinkludu riferenzi għas-segretarju tal-kumpannija .

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' —

(a) il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 126, u

(b) is-subparagrafi (ii) u (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 140 ta' l-Ordinanza,

ma għandhomx japplikaw għal kumpannija *offshore*; u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 139, 141, 143 u 144 ta' l-Ordinanza ma għandhomx japplikaw għal kumpannija *offshore* mhux kummerċjali.

(10) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza li japplikaw għall-istralċ ta' kumpannija għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu:—

(a) meta l-kumpannija jkollha bħala l-aħħar direttur waħdieni tagħha jew bħala l-aħħar segretarju tagħha kumpannija *nominee*, dik il-kumpannija *nominee* għandha tiġi maħtura bħala l-istralċjarju tagħha, iżda tkun suġġetta għat-tneħħija mil-kariga u li tiġi sostitwita bl-istess mod u fl-istess cirkostanzi bħal kull stralċjarju ieħor: u

(b) meta l-istralċjarju tal-kumpannija jkun il-kumpannija *nominee* kif intqal qabel, fiż-żmien meta l-kumpannija tkun ġiet finalment stralċjata —

(i) dikjarazzjoni mill-stralċjarju illi l-affarijiet tal-kumpannija jkunu ġew stralċjati għal kollox bl-approvazzjoni

tal-kumpannija f'laqgħa ġenerali tista' tiġi mgħoddija lir-Reġistratur minflok il-kontijiet u l-prospetti msemmijin fl-artikolu 158 ta' l-Ordinanza, u f'kull każ bħal dak id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu għandhom hekk japplikaw.

(ii) il-kotba u d-dokumenti kollha tal-kumpannija għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza, jinżammu mill-istralċjarju li għandu hekk iżommhom għal perijodu ta' ħames snin wara d-data li fiha l-kumpannija tkun ġiet imneħħija minn fuq ir-reġistru.

(11) L-artikolu 191 ta' l-Ordinanza għandu jiftiehem li jirrikjedi li r-Reġistratur iżomm il-kotba dwar kumpanniji *offshore* separati minn dawk li jinżammu għar-rigward ta' kumpanniji oħra.

(12) Għar-rigward ta' kumpannija *offshore* li tkun spiċċat bħala tali taħt xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Ordinanza għandha tapplika bħallikieku ipprovdiet ukoll illi, minkejja kull dispożizzjoni oħra tagħha —

(a) il-kumpannija għandha tiġi xolta minnufih malli l-kumpannija ma tibqax tkun kumpannija *offshore*;

(b) is-setgħat u l-funzjonijiet kollha mogħtija mill-Ordinanza lill-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew lid-diretturi tagħha, inkluż, iżda bla preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel in-nomina u t-tneħħija ta' stralċjarju, ikunu vestiti fi u jiġu eżerċitati mill-Awtorità, u d-dmirijiet ta' l-istralċjarju għandhom hekk jiftehmu.

Applikazzjoni ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju għal kumpanniji *offshore* bankarji

28. (1) L-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju (f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att") għandu japplika għar-rigward ta' kumpannija *offshore* bankarja bla ħsara għal dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att għandu japplika bħallikieku jirrekjedi hemm il-Ministru imsemmi li jagħixxi wara li jkun irċeva rakkomandazzjoni mingħand l-Awtorità u l-paragrafi (b) u (ċ) tiegħu ma għandhomx japplikaw.

(3) L-artikolu 5 ta' l-Att, ħlief għas-subartikoli (1) u (5) tiegħu ma għandhomx japplikaw, u l-imsemmija subartikoli (1) u (5) ma għandhomx japplikaw għal kumpannija bankarja *offshore* ta' barra minn Malta.

(4) Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ma għandux japplika, u s-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu għandu jiftiehem f'dak is-sens.

(5) L-artikolu 7 ta' l-Att għandu japplika kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu japplika kemm jekk il-kumpannija *offshore* tkun jew ma tkunx bank kummerċjali; u għandu jiftiehem daqslikieku jeħtieġ li l-kumpannija ikollha kapital azzjonarju imħallas ta' mhux inqas minn miljun u ħames mitt elf dollaru Amerikan jew l-ekwivalenti tiegħu fi flus barranin oħra: u

(b) il-paragrafu (b) tieghu ma ghandux japplika.

(6) L-artikoli 9 u 11 ta' l-Att ma ghandhomx japplikaw.

(7) L-artikoli 12 u 13 ta' l-Att ma ghandhomx japplikaw ghal kumpannija *offshore* bankarja ta' barra minn Malta jew kumpannija *offshore* bankarja sussidjarja.

(8) Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikoli 19 u 22 ta' l-Att ma ghandhomx japplikaw.

Applikazzjoni ta' l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni ghal kumpanniji *offshore* ta' l-assigurazzjoni

29. (1) L-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni (f'dan l-artikolu msejjah "l-Att") ghandu japplika ghar-rigward ta' kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni bla hsara ghal dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu:

(2) Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ma ghandux japplika.

(3) L-artikolu 5 ta' l-Att ghandu japplika bla hsara ghad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu:

(a) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tieghu, ghandu japplika bhallikieku minflok is-somma ta' żewġ miljun lira kien hemm sostitwit —

(i) fil-każ ta' kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni *captive* is-somma ta' mitejn u hamsin elf dollaru Amerikan, jew l-ekwivalenti taghhom f'xi flus barranin ohra; u

(ii) fil-każ ta' kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni ohra, is-somma ta' seba' mija u hamsin elf dollaru Amerikan, jew ekwivalenti taghhom f'xi flus barranin ohra;

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tieghu ma ghandux japplikaw;

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tieghu japplika bhallikieku jirikjedi li l-Ministri hemm imsemmi, li jagixxi wara li jkun irċieva rakomandazzjoni mill-Awtorità; u

(d) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tieghu ma ghandux japplika.

(4) Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ma ghandux japplika ghal kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni ta' barra minn Malta, jew ghal kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni sussidjarja; is-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu ghandu japplika ghal kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni ta' barra minn Malta, jew ghal kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni sussidjarja, biss safejn jirrikjedi li din taghti l-informazzjoni msemmija fih; u s-subartikolu (5) ta' dak l-artikolu ghandu japplika safejn huwa applikabbli in vista tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subartikolu.

(5) Is-subartikoli (2) u (4) ta' l-artikolu 6, l-artikolu 15 u l-artikolu 26 ta' l-Att ma ghandhomx japplikaw.

(6) L-artikoli 8, 9, 10, 11, 12, 13 u 14 ta' l-Att ma għandhomx japplikaw għal kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni ta' barra minn Malta jew għal kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni sussidjarja.

(7) Il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) u l-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att ma għandhomx japplikaw.

Sa fejn japplika l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għal kumpanniji *offshore*.

30. (1) L-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-Income (f'dan l-artikolu imsejjaħ 'l-Att') u kull liġi oħra li tissostitwixxi dik il-liġi, għandhom japplikaw għal kumpanniji *offshore* kummerċjali bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu.

(2) It-taxxa li għandha tiġbor minn kumpannija *offshore* kummerċjali għandha tkun bir-rata ta' ħamsa fil-mija fuq l-*income* taxxabbli tal-kumpannija, u ebda taxxa ma għandha tiġbor fuq —

(a) xi dividend (inklużi xi dividendi meqjusin bħala mqassmin) imqassma minn dik il-kumpannija;

(b) xi imgħax jew *income* ieħor imħallas minn dik il-kumpannija lil xi persuna li ma tkunx residenti f'Malta:

Iżda, dan is-subartikolu, sa fejn huwa jeżenta l-*income* imsemmi fil-paragrafi (a) u (b) tiegħu, ma għandux japplika għal kumpannija *offshore* lokali:

Iżda wkoll it-taxxa li għandha tiġbor kif hemm provdut f'dan is-subartikolu ma għandhiex tiġi mnaqqsa kemm bħala ħelsien mit-taxxa doppja jew xort'oħra, u ebda tpattija jew kreditu ma għandhom isiru jew jingħataw dwar dik it-taxxa a favur ta' xi azzjonist jew persuna oħra li lilha jista' jkun dovut jew ikun tħallas dividend jew ħlas ieħor eżentat mit-taxxa taħt dan is-subartikolu.

(3) It-taxxa li għandha tiġbor kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tiġi mposta fuq l-*income* kif dikjarat fil-prospett ta' l-*income* mogħti mill-kumpannija lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni taħt l-Att, u l-Kummissarju għandu, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att, jaċċetta l-prospett bħala korrett u komplet, kemm-il darba ma jkollux raġuni tajba li jemmen xort'oħra u jkun jista' jipprova dak li jemmen għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' Kummissarji Speċjali u f'kull każ tali huwa għandu jagħixxi skond kif hemm provdut fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att qabel ma l-ħaġa tiġi riferita lill-imsemmi Bord għad-deċiżjoni tiegħu.

(4) Ebda taxxa ma għandha tiġi mposta taħt l-Att, jew taħt xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi, fuq —

(a) l-*income* akkumulat jew derivat minn kumpannija *offshore* mhux kummerċjali;

(b) xi dividend (inklużi xi dividendi meqjusin bħala mqassmin) imqassam minn dik il-kumpannija;

(ċ) xi imgħax jew *income* ieħor imħallas minn dik il-kumpannija lil xi persuna li ma tkunx residenti f'Malta meta dak l-

imgħax jew *income* ieħor jitħallas mill-profitti eżentati kif intqal qabel.

(5) Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, kull taxxa mnaqqsa minn xi dividend jew imgħax li jitħallsu dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija sussidjarja kif imsemmi fil-*proviso* għall-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att, ma tingħatax lura jew tkun xort'oħra suġġetta għal tpattija kontra t-taxxa.

(6) Kumpannija *offshore* għandha tkun eżentata mill-ħtiġiet ta' l-artikolu 37A ta' l-Att.

(7) Ebda azzjonist, detentur ta' obbligazzjonijiet, depożitur jew persuna oħra interessata f'kumpannija *offshore* ma jkun meħtieġ jagħmel jew jagħti xi prospett li altrimenti kien ikun dovut, jew legalment meħtieġ, li jsir jew jingħata għall-finijiet ta' l-Att għar-rigward tagħha.

(8) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 38 ta' dan l-Att, il-proċedimenti kollha quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali jew tal-Qorti ta' l-Appell għall-finijiet ta' l-Att għandhom isiru *in camera* u l-ħtiġiet ta' konfidenzjalità imposti b'dak l-artikolu għandhom jiġu osservati fi, u dwar, dawk il-proċedimenti, ħlief sa fejn jista' jkun meħtieġ li jsir xort'oħra għat-tmexxija kif jixraq ta' dawk il-proċedimenti.

(9) Għar-rigward ta' kumpanniji *offshore*, l-artikolu 68A ta' l-Att għandu japplika bħallikieku minnufih wara l-*proviso* għas-subartikolu (1) tiegħu kien hemm imdaħħal dan il-*proviso* li ġej:

"Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu u ta' xi arranġamenti magħmulin kif ingħad qabel.".

Eżenzjoni mit-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni.

31. Ebda taxxa ma għandha tiġi mposta taħt l-Att ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, jew taħt xi liġi oħra li tissostitwixxi dik il-liġi, fuq —

(a) xi azzjoni fi jew obbligazzjoni ta' kumpannija *offshore*;

(b) xi flus jew proprjetà oħra mqegħda ma' dik il-kumpannija bħala depożitu jew titolu ieħor;

(ċ) xi ħlas dovut jew magħmul minn xi kumpannija bħal dik,

meta dik l-azzjoni, obbligazzjoni, flus, proprjetà jew dak il-ħlas ikun kompriż fi trasmissjoni taxxabbli taħt l-imsemmi Att u l-persuna li favur tagħha jsir it-trasmissjoni tkun persuna mhux domiċiljata f'Malta.

Eżenzjoni mit-taxxa tal-boll.

32. Ebda taxxa ma għandha tiġi mposta taħt l-Att ta' l-1981 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti jew taħt xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi, fuq xi dokument dwar xi transazzjoni jew att ieħor ta' kumpannija *offshore*, jew dwar xi azzjoni, *stock* jew proprjetà oħra tagħha, ħlief għall-bejgħ jew trasferiment, fejn permissibbli taħt dan l-Att, ta' xi proprjetá lil persuna residenti f'Malta.

Eżenzjoni mill-kontroll fuq il-kambju, dazju tad-dwana u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

33. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) tal-artikolu 22 ta' dan l-Att, l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u kull liġi li tissostitwixxi dik il-liġi ma għandhomx japplikaw għal kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-formazzjoni ta' kumpanija *offshore* jew għal xi transazzjoni jew operazzjoni ta' jew li jkollha x'taqsam ma' kumpannija *offshore*, jew xi azzjoni fiha jew obbligazzjoni tagħha, ħlief għal transazzjonijiet jew operazzjonijiet magħmula ma' persuni residenti f'Malta.

(2) Għamara, tagħmir u materjal ieħor meħtieġ minn kumpannija *offshore* u mpurtat f'Malta għall-użu u għall-iskop tagħha nnifisha, u oġġetti personali wżati ta' xi uffiċjal jew impjegat tal-kumpannija, mhux residenti f'Malta, impurtati f'Malta mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun ittieħdet residenza f'Malta, jistgħu jiġu hekk impurtati mingħajr il-ħlas tad-dwana;

Iżda dak id-dazju għandu jitħallas fuq kull ħaġa li tiġi mpurtata mingħajr il-ħlas tad-dazju taħt dan is-subartikolu jekk u meta dik il-ħaġa tinbiegħ, tiġi assenjata jew mod ieħor tiġi trasferita lil persuna residenti f'Malta.

(3) Persuni mhux residenti f'Malta li jkunu uffiċjali jew impjegati ta' kumpannija *offshore*, u l-kumpannija li tagħha jkunu dawk l-uffiċjali u impjegati, ikunu intitolati għall-eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, u ta' xi liġi li tissostitwixxi dik il-liġi.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għar-rigward ta' transazzjonijiet, operazzjonijiet, ħwejjeġ u persuni li jkunu rilevanti jew meħtieġa għall-għanijiet li għalihom tiġi kostitwita kumpannija *offshore*, jew għat-tmexxija jew amministrazzjoni tagħha.

Dikjarazzjoni minflok prospett ta' taxxa.

34. (1) Meta dikjarazzjoni fuq il-formola murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att tkun ġiet sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn kumpannija *nominee* li tkun qed taġixxi bħala d-direttur jew segretarju waħdieni ta' kumpannija *offshore* mhux kummerċjali, la l-kumpannija *offshore* u lanqas xi persuna oħra li jkollha interess f'dik il-kumpannija ma jkunu meħtieġa jagħmlu jew jissottomettu xi prospett, informazzjoni jew dettalji oħra li altrimenti jistgħu ikunu legalment meħtieġa li jsiru jew li jiġu sottomessi għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

(2) Meta proprjetà tkun b'din it-Taqsima ta' dan l-Att eżentata mit-taxxa taħt l-Att ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni ebda prospett ta' l-imsemmija proprjetà ma jkun meħtieġ li jsir taħt l-imsemmi Att u lanqas tat-trasmissjoni taxxabbli relattiva, jekk it-trasmissjoni ma tkun tinkludi ebda proprjetà oħra u ebda persuna residenti f'Malta ma tibbenefika taħt dak it-trasmissjoni; u meta t-trasmissjoni tkun tinkludi proprjetà oħra jew kif imsemmi qabel persuna tibbenefika tahtha, il-prospett jista' jkun limitat għall-proprjetà suġġetta għat-taxxa.

Rimedji speċjali għal azzjonisti jew diretturi mhux żvelati ta' kumpanniji *offshore* mhux kummerċjali.

35. (1) Persuna li tkun eżerċitat bħala avukat għal mhux inqas minn seba' snin bla interruzzjoni tista', f'isem, iżda mingħajr ma tiżvela l-isem ta', xi persuna jew persuni li hija tiddikjara li tkun jew li jkunu azzjonist jew azzjonisti, jew direttur jew diretturi, ta' kumpannija *offshore* mhux kummerċjali, jew fil-pożizzjoni tagħhom bħala tali jew bħala li jkunu jirrappreżentaw il-maġġoranza meħtieġa tal-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew tal-Bord ta' diretturi għall-approvazzjoni ta' riżoluzzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra dwar xi materja li tkun taqa' taħt il-kompetenza jew setgħat tagħhom, tagħmel applikazzjoni lill-Qorti li fiha titlob xi ordni jew direttiva mill-Qorti li hija tista' tqis meħtieġa jew spedjenti; u l-Qorti, wara li tkun semgħet xi azzjonist jew direttur magħruf tal-kumpannija u l-kumpannija *nominee*, li taġixxi bħala d-direttur jew segretarju tagħha, u wara li tkun eżaminat dawk il-provi l-oħra li hija tista' tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi, tista', jekk tara li jkun xieraq, tagħmel dik l-ordni jew tagħti dik id-direttiva li fil-fehma tagħha jkunu jitolbu ċ-ċirkostanzi.

(2) Kull ordni jew direttiva tal-Qorti taħt dan l-artikolu għandha jkollha l-istess validità u effett bħala riżoluzzjoni kif xieraq meħuda mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew deċiżjoni tal-bord ta' diretturi kif il-Qorti tista' tordna; u kull ordni jew direttiva bħal dik ma tistax tiġi revokata jew mibdula fuq applikazzjoni preżentata mill-applikant oriġinali jew minn persuna li jkollha l-istess kwalifiki u li tkun taġixxi bħala l-applikant oriġinali, jew minn xi persuna oħra interessata.

(3) Il-proċedimenti taħt dan l-artikolu, ħlief għall-ordni jew direttiva tal-Qorti u dawk il-partijiet tal-proċedimenti li l-Qorti tista' tqis bħala essenzjali li tiżvela, għandhom, flimkien ma' kull dokument jew informazzjoni oħra preżentata jew mogħtija u kull xhieda mismugħa għall-finijiet ta' dawk il-proċedimenti, jinżammu sigrieti u konfidenzjali minn kull persuna kkonċernata jew konnessa ma' l-imsemmija proċedimenti kif ukoll minn xi persuna oħra li xi ħaġa bħal dik tista' tiġi għal konjizzjoni tagħha l-atti ta' dawk il-proċedimenti għandhom jinżammu taħt il-kustodja personali tar-reġistratur tal-Qorti; u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 38 ta' dan l-Att għandhom mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tiegħu, japplikaw għal kull persuna li tiżvela jew li tagħmel tentattiv biex tiżvela lil xi persuna xi ħaġa li b'dan l-artikolu għandha tinżamm sigrieta u konfidenzjali.

Eżenzjoni minn atti kawtelatorji u eżekuttivi.

36. (1) Ebda azzjoni fi jew obbligazzjoni ta', u ebda dividend jew ħlas ieħor dovut minn, kumpannija *offshore*, u, ħlief għall-fini, jew fl-eżekuzzjoni ta', sentenza mogħtija in segwitu ta' xi proċess imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, ebda proprjetà ta' xi għamla li tkun tappertjeni lil dik il-kumpannija ma għandhom ikunu suġġetti għal xi att kawtelatorju jew eżekuttiv jew mandat kif hemm imsemmi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Ebda direttur jew uffiċjal ieħor ta' kumpannija *offshore*, u ebda persuna li tkun membru ta' jew li jkollha interess f'xi kumpannija bħal dik, ma għandhom ikunu suġġetti għal xi att kawtelatorju jew eżekuttiv jew mandat kif intqal qabel dwar xi obbligu jew responsabbiltà oħra tal-kumpannija:

Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika għal kumpannija *nominee* dwar xi obbligu jew responsabbilità li tinholoq minn xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.

(3) Il-proċess imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huwa jew —

(a) proċess biex jiġi nfurzat obbligu jew responsabbiltà oħra tal-kumpanija; jew

(b) proċess biex tiġi meħuda lura xi proprjetà akkwistata jew miżmuma mill-kumpannija, jew li mod ieħor tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, u li toriġina minn xi transazzjoni, operazzjoni jew attività msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 26 ta' dan l-Att.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu ebda mandat jew att ieħor ma għandu jinħareġ mill-qorti kemm-il darba l-applikant ma jkunx l-ewwel issodisfa lil qorti li l-mandat jew att ieħor jistgħu jinħarġu taħt dan l-artikolu.

Garanzija tingħata f'ċerti każi.

37. Meta kumpannija *offshore* tkun attur f'xi kawża jew proċedimenti ġudizzjarji oħra, il-qorti li quddiemha jittieħdu l-proċedimenti tista', fuq it-talba tal-konvenut u jekk tkun sodisfatta li l-kumpannija tista' ma tkunx f'pożizzjoni li tħallas l-ispejjeż tal-konvenut jekk dawn jiġu deċiżi a favur tal-konvenut, titlob lill- attur li jagħmel dak id-depożitu bħala garanzija għall-ispejjeż skond kif ikun jidhrilha suffiċjenti għal dak il-għan, u tista' twaqqaf il-proċedimenti sakemm tingħata l-garanzija.

Konfidenzjalità fuq materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' kumpanniji *offshore*.

38. (1) It-transazzjonijiet u l-attivitajiet ta' kumpannija *offshore* huma ta' natura sigrieta u konfidenzjali u, ħlief kif xort'oħra provdut b'dan l-Att, għandhom ħekk jiġu trattati għall-finijiet kollha, magħduda finijiet tal-liġi, u għandhom ikomplu jkunu trattati ħekk ukoll wara li l-kumpannija ma tibqax kumpannija *offshore* jew tkun giet imneħħija minn fuq ir-reġistru.

(2) Għalhekk, bla ħsara għal dak li jista' jkun essenzjalment meħtieġ għat-tmexxija normali ta' l-affarijiet tal-kumpannija *offshore* jew għal dak li jista' jkun essenzjalment meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att jew permess taħtu:

(a) ebda persuna ma għandha f'xi żmien tikkomunika jew tiżvela xi dokument, informazzjoni jew ħaġa oħra li jkollha x'taqsam ma' kumpannija *offshore* ħlief lil uffiċjal jew membru ta' dik il-kumpannija li jkun intitolat li jirċievi dik il-komunikazzjoni, dokument jew informazzjoni;

(b) ebda persuna ma għandha f'xi żmien tkun meħtieġa tipproduċi jew tiżvela lil xi qorti, tribunal, bord, kumitat ta' inkjesta jew awtorità oħra xi dokument, informazzjoni jew ħaġa oħra li tiġi għall-konjizzjoni tagħha jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha għal xi raġuni tkun xi tkun, jekk dak id-dokument, dik l-informazzjoni jew materja jkollha x'taqsam ma' kumpannija *offshore*.

(3) Kull persuna li, ħlief kif eċċettwat fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, f'xi żmien tikkomunika jew tiżvela, jew tagħmel tentattiv

biex tikkomunika jew tiżvela, xi dokument, informazzjoni jew materja oħra li jkollha x'taqsam ma' kumpannija *offshore* —

(a) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn elf u mhux aktar minn ħamest elef lira, jew priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(b) għandha tħallas lill-kumpannija penali ta' mhux inqas minn elf u mhux aktar minn għaxart elef lira skond kif il-qorti li ssib lil dik il-persuna ħatja tista' tistabbilixxi u tordna; liema somma tingħabar bħala dejn ċivili, u l-ordni tal-qorti tkun titolu eżekuttiv bis-saħħa ta' dan l-artikolu għall-għanijiet ta' dak il-ġbir.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mingħajr ħsara għal xi azzjoni oħra li tkun kompetenti lill-kumpannija taħt xi liġi oħra.

Kontinwazzjoni ta' kumpanniji.

39. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu —

(a) korp magħqud, iffurmat u inkorporat jew reġistrat f'pajjiż li ma jkunx Malta, li jkun jixbaħ fl-għamla tiegħu lil kumpannija privata kif magħruf taħt il-liġi ta' Malta u li, kieku kienet kumpannija bħal dik, kienet tikkwalifika li tiġi reġistrata bħala kumpannija *offshore* taħt dan l-Att, tista' titkompla bħala kumpannija *offshore* taħt l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali u taħt dan l-Att; u

(b) kumpannija *offshore* reġistrata taħt dan l-Att tista' titkompla bħala korp magħqud inkorporat u reġistrat taħt il-liġijiet ta' pajjiż li ma jkunx Malta,

f'kull każ billi timxi skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu; u l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali għandha, għar-rigward ta' dawk il-korpi magħqudin jew kumpanniji *offshore*, ikollha seħħ konformament.

(2) Kontinwazzjoni kif hawn fuq imsemmija tista' ssir biss jekk ikun fis-setgħa ta' dik l-għaqda jew kumpannija *offshore* li hekk ikomplu u l-kontinwazzjoni tkun approvata —

(a) fil-każ ta' korp barrani li jkun jixtieq ikompli bħala kumpannija *offshore* taħt dan l-Att, b'dak il-mod, b'dak il-korp kostitwit u b'dik il-maġġoranza li tkun l-ekwivalenti, taħt il-liġijiet tal-pajjiż ta' l-inkorporazzjoni jew reġistrazzjoni tiegħu u skond id-dokument li bih ikun kostitwit, ta' riżoluzzjoni straordinarja taħt il-liġijiet ta' Malta; u

(b) fil-każ ta' kumpannija *offshore* li tkun tixtieq tkompli taħt ġurisdizzjoni barranija b'riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija.

(3) Meta l-kontinwazzjoni kif imsemmi qabel tintitola jew tirrikjedi lill-korp magħqud jew kumpannija *offshore*, skond il-każ, li

tifdi l-interess ta' persuni li ma jaqblux li l-approvazzjoni tagħhom tkun meħtieġa, dak l-interess jista' jiġi mifdi b'dawk il-patti li jista' jintlaħaq ftehim dwarhom jew skond kif il-qrati f'Malta jistgħu, fuq talba ta' parti jew oħra, jistabbilixxu.

(4) Il-kontinwazzjoni ta' korp magħqud barrani bħala kumpannija *offshore* f'Malta għandha sseħħ permezz ta' dokument ta' kontinwazzjoni li jkun fih, b'żieda mad-dikjarazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-kontinwazzjoni, l-ekwivalenti ta' *memorandum* u statut ta' kumpannija privata kif meħtieġ b'dan l-Att sabiex kumpannija tkun tista' tiġi reġistrata bħala kumpannija *offshore* taħt dan l-Att skond ix-xorta ta' kumpannija *offshore* li fiha għandha titkompla, u li juri fih innifsu illi l-kontinwazzjoni tkun ġiet approvata skond kif hemm provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(5) Il-konsenja tad-dokument ta' kontinwazzjoni lir-Reġistratur għandha, għall-finijiet kollha ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali, tkun ekwivalenti għall-konsenja tal-memorandum u l-istatut ta' kumpannija bħallikieku kienet kumpannija li tkun trid tiġi reġistrata taħt dan l-Att; u r-Reġistratur għandu hekk jittrattaha.

(6) Mar-reġistrazzjoni tagħha kif hemm provdut fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, u r-reġistrazzjoni tagħha taħt dan l-Att, il-korp magħqud għandu jispiċċa milli jkun korp magħqud taħt il-ġurisdizzjoni ta' qabel tiegħu u għandu jkompli l-eżistenza korporata tiegħu u jibqa' jżomm l-attiv, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha tiegħu bħala kumpannija xort'oħra reġistrata taħt l-Ordinanza msemmija qabel u dan l-Att, u dik il-kontinwazzjoni għandu jkollha seħħ minkejja kull ħaġa li tkun tinsab fil-liġi tal-ġurisdizzjoni tagħha ta' qabel.

(7) Il-kontinwazzjoni ta' kumpannija *offshore* bħala korp magħqud taħt ġurisdizzjoni barranija ma għandhiex issir ħlief jekk —

(i) dik il-kontinwazzjoni (jew proċess simili, magħduda konverżjoni) tkun permessa bil-liġi ta' dik il-ġurisdizzjoni barranija u skond dawk id-dispożizzjonijiet tagħha li jistgħu joħolqu dik il-kontinwazzjoni (jew proċess simili); u

(ii) dik il-kontinwazzjoni (jew proċess simili) tħaddem il-kontinwità ta' l-eżistenza korporata tal-kumpannija *offshore* bħala, jew il-konverżjoni tagħha fi, għaqda korporata li tkompli żżomm jew li tiret l-attiv, id-drittijiet u r-responsbbilitajiet kollha tal-kumpannija *offshore*.

(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu kumpannija *offshore* ma tieqafx milli tibqa' kumpannija suġġetta għall-ġurisdizzjoni Maltija sakemm ir-Reġistratur jirċievi avviż bil-miktub tal-kontinwazzjoni (jew proċess ieħor) magħmul kif imsemmi qabel u ħlief jekk u sakemm, wara li jkun sodisfatt illi l-ħtiġiet ta' dan l-artikolu ikunu ġew imħarsa, huwa jkun irreġistra dik il-kontinwazzjoni u, b'konsegwenza ta' hekk u bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ikun neħħa l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-reġistru.

Diretturi u impjegati mhux residenti ta' kumpanniji *offshore*.

40. (1) Kumpannija *offshore* kummerċjali tkun intitolata li timpjega individwu, nominat minnha, u għal dan il-għan li titlob li tinħariġlu liċenza taħt l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni; u dak id-dritt ikun eżerċitabbli sakemm il-kumpannija tibqa' reġistrata bħala kumpannija *offshore* ma' l-Awtorità.

(2) meta individwu li ma jkunx domiċiljat f'Malta jew li, jekk hekk domiċiljat, ma jkunx ordinarjament residenti fiha, ikun direttur jew impjegat ta' kumpannija *offshore*, l-*income* tiegħu jiġi ntaxxat bir-rati kontemplati fl-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hekk illi kull rata ta' taxxa li tkun akbar minn 30 ċenteżmu għal kull lira Maltija għandha tiġi mnaqqsa għal 30 ċenteżmu:

Iżda t-taxxa li titħallas minn xi individwu kif imsemmi qabel ma għandhiex tkun inqas minn Lm1,000 fis-sena, jew *pro rata* għal dik is-somma għall-perijodu tas-sena li fiha kien direttur jew hekk impjegat, ħlief jekk l-ammont li jitħallas minn dak l-individwu li kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun ammont iżgħar, f'liema każ dak l-ammont iżgħar biss għandu jitħallas.

Għażla ta' eżenzjonijiet u privileġġi.

41. (1) L-eżenzjonijiet, privileġġi u benefiċċji oħra mogħtija jew permessi minn xi dispożizzjoni ta' dan l-Att lil kumpannija *offshore* u d-diretturi jew impjegati tagħhom jiġu hekk mogħtija jew permessi bla ħsara għall-għażla tal-persuna li favurha dawn ikunu hekk mogħtija jew permessi li ma tibbenifikax minnhom.

(2) Dik l-għażla tkun eżerċitata permezz ta' avviż bil-miktub lill-Awtorità fejn jiġu indikati l-eżenzjonijiet, privileġġi jew benefiċċji rinunzjati; u dik ir-rinunzja tkun indefinita u irrevokabbli.

TAQSIMA III

Kumpanniji Nominee

Kumpanniji *nominee* u kundizzjonijiet għall-formazzjoni tagħhom.

42. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull żewġ persuni jew aktar assoċjati bl-iskop li jesegwixxu l-funzjonijiet ta' kumpannija *nominee* għar-rigward ta' kumpanniji *offshore* jistgħu, billi jiffurmaw kumpannija taħt il-liġi li tkun fis-seħħ f'Malta dak iż-żmien, u billi jħarsu l-kundizzjonijiet ta' dan l-Att dwar il-formazzjoni ta' kumpannija *nominee*, jiffurmaw kumpannija *nominee*.

(2) Il-kondizzjonijiet għall-formazzjoni ta' kumpannija *nominee* huma li—

(a) il-kumpannija tkun kumpannija privata;

(b) l-għanijiet tal-kumpannija jkunu espresssament limitati għall-attività bħala kumpannija *nominee* għar-rigward ta' kumpannija *offshore* għall-finijiet ta' dan l-Att, u għal ħwejjeġ anċillari jew inċidentali għalihom:

Iżda meta kumpannija *nominee* tiġi stabbilita wkoll biex taġixxi bħala *trustee* ta' *offshore trust* taħt l-Att ta' 1988 dwar l-*Offshore Trusts*, l-għanijiet tagħha jistgħu ukoll jinkludu dak il-għan.

(ċ) l-isem tal-kumpannija jinkludi l-kelma "*Nominee*";

(d) il-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpannija ma jkunx inqas minn ħamest elef lira;

(e) il-kapital azzjonarju tal-kumpannija u xi setgħa ta' votazzjoni jew kontroll fiha, la jkun direttament u lanqas indirettament, proprjetà ta' miżmum jew eżerċitabbli minn, jew vestit fi, persuna mhux residenti f'Malta f'ammont li fit-total jaqbeż erbgħin fil-mija;

(f) id-diretturi tal-kumpannija ma jkunux inqas minn tlieta, li għall-inqas tnejn minnhom ikunu ċittadini Maltin residenti f'Malta, li, għal perijodu mhux interrot ta' ħames snin, ikunu xi persuna minn dawn li ġejjin:

(i) persuna li tkun detentur ta' *warrant* ta' avukat taħt il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; jew

(ii) persuna li tkun detentur ta' *warrant* ta' *accountant* pubbliku ċertifikat jew ta' *accountant* u uditur pubbliku ċertifikat taħt l-Att ta' l-1979 dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy;* jew

Att XXVIII ta' l-1979.

(iii) *associate* jew *fellow* taċ-*Chartered Institute of Bankers* jew tal-*Institute of Chartered Secretaries and Administrators* jew taċ-*Chartered Insurance Institute* tar-Renju Unit jew membru ta' istituzzjoni oħra bħal dik jew korp simili ieħor rikonoxxut mill-Awtorità għall-finijiet ta' dan l-artikolu; jew

(iv) persuna li tkun serviet bħal uffiċjal pubbliku fi grad mhux taħt dak ta' assistent kap ta' dipartiment, jew f'pożizzjoni ekwivalenti ma' korp imwaqqaf b'liġi, jew li tkun xort'oħra konoxutta mill-Awtorità bħala persuna li tista' tiġi paragunata ma' xi persuna msemmija qabel;

(ġ) ebda persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkollha xi interess dirett jew indirett fil-kumpanija jew tkun membru jew direttur tagħha, u ebda persuna li, taħt xi liġi oħra, mhix kwalifikata li tkun direttur ta' kumpannija ma jkollha dak l-interess jew tkun membru kif imsemmi qabel.

Warrant biex kumpannija tiffunzjona bħala kumpannija *nominee*.

43. (1) Kumpannija *nominee* ma tistax tiffunzjona, u ma għandiex tiġi trattata bħala tali għall-finijiet ta' dan l-Att, kemm-il darba ma tkunx tippossjedi *warrant* maħruġ mill-Awtorità fis-seħħ dak iż-żmien li jawtorizzaha biex tiffunzjona bħala tali għall-finijiet ta' dan l-Att.

(2) Sabiex tikseb *warrant* mill-Awtorità il-kumpannija għandha tissottometti lill-Awtorità kopja ċertifikata tal-memorandum tagħha u ta' l-istatut tagħha, jekk ikun hemm, flimkien ma' dettalji dwar id-diretturi; u meta tkun sodisfatta illi l-ħtiġiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmulin taħtu jkunu ġew kollha mħarsa u li d-dritt dovut ikun tħallas, l-Awtorità għandha toħroġ *warrant* li jawtorizza lill-kumpannija biex tiffunzjona għall-għanijiet ta' dan l-Att.

(3) L-Awtorità għandha żżomm reġistru tal-kunpanniji kollha li lilhom ikun inħareġ *warrant* taħt dan l-Att, u ddaħħal fih kull bidla jew ħaġa oħra rilevanti għal dik il-kumpannija, b'mod partikolari indikazzjoni tad-diretturi u segretarji tal-kumpannija, u kull bidla fiha. L-Awtorità għandha wkoll tara li fil-Gazzetta tiġi pubblikata lista tal-kumpanniji kollha li dak iż-żmien ikollhom *warrant* taħt dan l-artikolu.

(4) Id-dritt li jitħallas għall-ħruġ ta' *warrant* taħt dan l-artikolu għandu jkun mitejn u ħamsin lira għall-ewwel ħruġ ta' dak il-*warrant* u wara għandu jitħallas id-dritt annwali ta' reġistrazzjoni ta' mitejn u ħamsin lira li għandu jitħallas m hux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar ta' kull sena ta' wara.

Notifika ta' bidliet.

44. Kumpannija *nominee* għandha tinnotifika lill-Awtorità b'kull bidla fil-memorandum jew fl-istatut tagħha u b'kull bidla fost id-diretturi tagħha u kull bidla bħal dik ma għandhiex ikollha effett ħlief jekk u sakemm tiġi hekk notifikata.

Revoka ta' *warrant*.

45. *Warrant* maħruġ lil kumpannija taħt l-artikolu 43 ta' dan l-Att għandu jkun revokabbli mill-Awtorità —

(a) jekk ikun hemm dik il-bidla fiċ-ċirkostanzi tal-kumpannija li, kieku dawn kienu jeżistu qabel il-ħruġ tal-*warrant*, dak il-*warrant* ma kienx jinħareġ;

(b) jekk il-kumpannija tikkontravveni xi dispożizzjoni ta' dan l-Att u l-kontravvenzjoni tkun meqjusa mill-Awtorità bħala serja biżżejjed li tiġġustifika r-revoka tal-*warrant*;

(ċ) jekk il-kumpannija tonqos li tħallas id-dritt annwali meta jkun imiss:

Iżda l-Awtorità ma għandhiex tirrevoka *warrant* kemm il-darba ma tkunx tat lill-kumpannija r-raġunijiet l-għala l-*warrant* jista' jiġi revokat u l-opportunità li taġhmel oġġezzjonijiet u tispjega xi fatt li jkun allegat kontriha; u l-Awtorità tista' wkoll, kull meta l-att jew nuqqas ikun jista' jiġi rmedjat, tħalli lill-kumpannija tieħu passi rimedjali f'dak il-perijodu ta' żmien u skond dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tqis xierqa.

Funzjonijiet ta' kumpannija *nominee*

46. (1) Kumpannija *nominee* għandu jkollha funzjonijiet biss f'konnessjoni ma' u għall-finijiet ta' dan l-Att jew għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-*Offshore Trusts*, jew għall-finijiet ta' dawk iż-żewġ Atti, u dawk il-funzjonijiet l-oħra li jkunu anċillari jew inċidentali għalihom.

(2) Kumpannija *offshore* mhux kummerċjali tista' tiġi reġistrata ma l-Awtorità taħt dan l-Att biss permezz ta' l-aġenzija tal-kumpannija *nominee* awtorizzata biex taġixxi bħala tali għar-riġward ta' dik il-kumpannija; u kumpannija *nominee*, kemm bħala direttur waħdieni jew bħala segretarju ta' kumpannija *offshore* mhux kummerċjali għandha, kemm jekk waħedha jew kif xort'oħra jista' jkun provdut fl-istatut tal-kumpannija, jkollha r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpannija.

Dmirijiet ta' kumpannija *nominee*

47. (1) B'żieda mad-dmirijiet tagħhom bħala direttur jew segretarju ta' kumpannija *offshore*, skond il-każ, kumpannija *nominee*

tkun responsabbli lejn l-Awtorità li tassigura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jiġu mħarsa u osservati sew dwar jew mill-kumpannija *offshore* li tagħha tkun id-direttur waħdieni jew segretarju waħdieni.

(2) Kumpannija *nominee* jkollha d-dmir li tieħu dawk il-passi jew miżuri oħra li tkun tista' tieħu biex tassigura l-osservanza tal-liġi kif imsemmi qabel u biex tavża lill-Awtorità, mingħajr dewmien, dwar xi att jew nuqqas, li jkollu x'jaqsam ma' jew mill-kumpannija *offshore* li tagħha tkun id-direttur waħdieni jew segretarju, waħdieni, li jkun b'kontravvenzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jew xort'oħra offiża kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew li kien ikun offiża tali li kieku kellu jiġi kommess f'Malta.

(3) Kumpanija *nominee* jkollha wkoll d-dmir li taċċerta illi l-eżenzjonijiet mogħtija b'dan l-Att lil xi kumpannija *offshore* kif imsemmi qabel ikunu verament dovuti u li ma tkun teżesti ebda ċirkostanza li tirrendi dawk l-eżenzjonijiet inapplikabbli; u li tirraporta lill-Awtorità kull fatt jew ċirkostanza li tkun taf biha u li tkun tirrendi kull eżenzjoni bħal dik inapplikabbli jew xi taxxa jew dritt b'kull mod ieħor dovut.

(4) Kumpannija *nominee* għandha, barra minn hekk, tagħmel u tikkonsenja, mhux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar ta' kull sena, rapport lill-Awtorità iffirmat minn żewġ diretturi tal-kumpannija u magħmul dwar is-sena ta' qabel, li fih tgħid li l-kumpannija aċċertat mill-aħjar li setgħet li l-kumpannija *offshore* li tagħha tkun id-direttur waħdieni jew is-segretarju tkun issodisfat il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa b'dan l-Att sabiex il-kumpannija tibqa' kumpannija *offshore*, u illi ma tkun teżisti ebda ċirkostanza li tkun tirrendi l-eżenzjonijiet u privileġġi oħra mogħtija b'dan l-Att inapplikabbli għar-rigward ta' dik il-kumpannija.

Pożizzjoni ta' diretturi u uffiċjali ta' kumpanniji *nominee*.

48. Meta b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra jkun dovut it-twettieq, ħarsien jew osservanza ta' obbligu jew dmir minn kumpannija *nominee* bħala d-direttur waħdieni jew segretarju ta' kumpannija *offshore*, dak l-obbligu jew dmir għandu jiġi wkoll imwettaq, imħares jew osservat minn kull direttur jew uffiċjal ieħor tal-kumpannija *nominee*, skond il-każ; u kull tali direttur jew uffiċjal ieħor:

(a) għandu jkun personalment responsabbli, *in solidum* mad-diretturi jew uffiċjali oħra u mal-kumpannija, għal xi nuqqas jew xi att magħmul bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' liġi dwar l-obbligi u d-dmirijiet imsemmija qabel; u

(b) meta n-nuqqas, jew att kif imsemmi qabel ikun offiża kriminali, jeħel meta jinstab ħati l-pieni stabbiliti għal dik l-offiża.

Dmirijiet oħra ta' kumpanniji *nominee* bħala segretarju ta' kumpannija *offshore*.

49. (1) Meta kumpannija *nominee* tkun is-segretarju ta' kumpannija *offshore*, għandha tkun responsabbli *in solidum* mad-diretturi tal-kumpannija għall-qadi tad-dmirijiet kollha ta' dawk id-diretturi għar-rigward tat-tħejjija, preżentazzjoni jew sottomissjoni ta' xi prospett, stqarrija, dikjarazzjoni jew xi ħaġa oħra meħtieġa minn xi dispożizzjoni ta' liġi, u għall-osservanza ta' xi dmir tad-diretturi li jagħtu xi informazzjoni li legalment tkun meħtieġa minnhom.

(2) Meta kumpannija *nominee* tkun id-direttur waħdieni ta' kumpannija *offshore* mhux kummerċjali jew is-segretarju tagħha, għandha, bla ħsara għal xi dmir ieħor li tista' tkun responsabbli għalih:

(a) iżżomm dokumentazzjoni ta' l-azzjonisti effettivi, detenturi ta' obbligazzjonijiet u diretturi kollha tal-kumpannija kemm jekk żvelati jew le, kif ukoll tat-tibdil rilevanti fihom;

(b) tipprovdi lill-membri tal-kumpannija b'dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex turihom il-qagħda vera ta' l-affarijiet tal-kumpannija, u partikolarment b'kull informazzjoni li tkun raġonevolment mistennija li taffettwa dik il-qagħda.

(3) Jekk il-kumpannija *nominee* tirriżenja, jew tiġi mneħħija mill-kariga tagħha, kemm bħala direttur waħdieni jew bħala segretarju ta' kumpannija *offshore*, hija għandha tirraporta bla dewmien dak il-fatt lill-Awtorità, u meta dik ir-riżenja jew tneħħija mill-kariga tkun minħabba xi irregolarità serja kommessa minn jew dwar il-kumpannija jew xi direttur tagħha, il-kumpannija *nominee* il-kumpannija għandha tagħmel rapport lill-Awtorità fejn tiddikjara l-fatti kif ikunu magħrufa minnha.

(4) Kumpannija *nominee* għandha wkoll tavża bla dewmien lill-Awtorità bil-miktub kull meta tkun tal-fehma illi kumpannija *offshore* li tagħha tkun jew kienet l-aħħar direttur waħdieni jew segretarju tkun ġiet abbandunata jew ma jkollha ebda diretturi fil-kariga.

Pieni għal stqarrijiet, dikjarazzjonijiet foloz eċċ.

50. Jekk kumpannija *nominee* jew xi direttur jew uffiċjal tagħha, xjentement jew b'negliġenza:

(a) tagħmel stqarrija jew dikjarazzjoni mhux korretta jew falza, jew idaħħal xi ħaġa falza jew mhux korretta fi prospett, dikjarazzjoni jew stqarrija, magħmula, imħejjija jew mibgħuta għal xi fini ta', jew, skond xi dispożizzjoni ta' dan l-Att; jew

(b) tagħti xi informazzjoni jew tweġiba mhux korretta jew falza dwar jew skond xi dispożizzjoni bħal dik; jew

(ċ) tħejji jew iżżomm xi dokumentazzjoni jew dokumenti mhux korretti jew foloz, jew tgħin jew tassisti xi persuna oħra biex tagħmel ħekk,

il-kumpannija, u kull direttur jew uffiċjal ieħor tagħha, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn elf u mhux aktar minn għaxart elef lira, jew għal priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet snin, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Stralċ ta' kumpannija *nominee*.

51. (1) Meta kumpannija *nominee* tkun ġiet xjolta hija ma tibqax taġixxi bħala direttur waħdieni jew segretarju ta' kumpannija *offshore* u d-diretturi tagħha għandhom, qabel ma jħallu l-kariga tagħhom, jikkomunikaw il-fatti lill-kumpanniji li tagħhom il-kumpannija *nominee* tkun id-direttur waħdieni jew segretarju; u malli jiġi maħtur stralċjarju dan għandu —

(a) bla dewmien igħarraf lill-Awtorità bil-fatt li l-kumpannija tkun se tiġi stralċjata:

(b) jaċċerta illi l-Awtorità jkollha d-dettalji shaħ tal-kumpannija *offshore* li tagħhom il-kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata tkun direttur jew segretarju, skond il-każ;

(ċ) jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ, jew li l-Awtorità tista' teħtieġ jew tordna, għall-finijiet ta' kull xi dispożizzjoni ta' dan l-Att;

(d) jżomm lura milli finalment jistralċja l-kumpannija sakemm tingħata approvazzjoni mill-Awtorità għal dak l-istralċ finali.

(2) Kull persuna li tonqos li tħarres xi dispozizzjoni ta' dan l-artikolu teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira.

(3) Meta kumpannija *nominee* tkun se tiġi xjolta, l-istralċjarju ma għandux jiġi maħtur ħlief bl-approvazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità; u l-Awtorità għandha, barra minn hekk, ikollha s-setgħa li taħtar, tneħħi jew tissostitwixxi l-istralċjarju.

(4) Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali, il-kotba u d-dokumenti ta' kumpannija *nominee* li tkun ġiet stralċjata għandhom jinżammu mill-istralċjarju li għandu jżommhom għal perijodu ta' ħames snin wara d-data li fiha l-kumpannija tkun ġiet imneħħija minn fuq ir-reġistru u għandhom imbagħad jiġu distrutti.

TAQSIMA IV

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Setgħa biex isiru regolamenti jew regoli.

52. (1) Il-Ministru jista', fuq il-parir ta' l-Awtorità, jagħmel regolamenti jew regoli għall-eżekuzzjoni aħjar ta' xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u jista', partikolarment, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, b'xi regolamenti jew regoli bħal dawk:

(a) jipprovdi biex isiru jew jingħataw prospetti, dikjarazzjonijiet, u avviżi għal xi fini ta' dan l-Att, u l-forma u l-kontenut tagħhom;

(b) jirregola l-imġieba, dmirijiet u obbligi oħra ta' kumpanniji *nominee*, inklużi l-prospetti, dikjarazzjonijiet u informazzjoni oħra li huma għandhom jissottomettu lill-Awtorità, u jistabbilixxi l-ammont massimu li, minkejja xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jista' jintalab bħala drittijiet minn dawk il-kumpanniji;

(ċ) jeżenta jew jipprovdi għall-eżenzjoni ta' xi klassi jew klassijiet ta' kumpanniji *offshore* bankarji jew ta' l-assigurazzjoni minn xi dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju jew ta' l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, skond kif ikun jeħtieġ il-każ, bla ħsara għal dawk il-kondiżżjonijiet li jistgħu ikunu speċifikati jew li jkun hemm provdut għalihom fir-regolamenti magħdudin kundizzjonijiet li jkunu jikkonsistu fl-applikazzjoni ta' l-imsemmija dispożizzjonijiet

b'dawk it-tibdiliet li jistgħu jkunu speċifikati jew provdut għalihom kif ingħad qabel;

(d) ibiddel xi drittijiet stabbiliti b'xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, u jemenda xi dispożizzjoni tali f'dak is-sens biex jiġi rifless tibdil fl-għoli tal-ħajja jew fil-valur ta' flus, u jistabbilixxi dawk id-drittijiet oħra skond kif jitqies xieraq dwar kull ħaġa li għaliha ma hemmx provdut dritt b'dan l-Att:

Iżda ebda bidla ta' xi drittijiet ma għandha jkollha seħħ qabel ma tkun għaddiet sena mill-pubblikazzjoni ta' dik il-bidla fil-Gazzetta;

(e) jagħmel regoli tal-qrati għal xi fini ta' dan l-Att u tal-proċeduri taħtu, biex b'dawk ir-regoli jipprovdi għal xi ħaġa msemmija fl-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

(f) jippreskrivi kull ħaġa li tista' jew li tkun trid tiġi preskritta.

(2) Regolamenti, regoli, u ordnijiet magħmula taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jistgħu isiru bl-ilsien Ingliż biss.

Garanzija ta' eżenzjonijiet.

53. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' kumpannija *offshore* taħt dan l-Att għandha tikkostitwixxi kuntratt bejn il-Gvern u l-kumpannija li jiggarantixxi il-jeddijiet u l-eżenzjonijiet u privileġġi oħra dovuti kif provdut b'dan l-Att, suġġett biss għall-osservanza li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet kollha ta' dan l-Att.

(2) Il-garanzija mogħtija mis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tapplika wkoll kontra azzjoni retrospettiva, sew jekk b'leġislazzjoni jew xort'oħra, li tista' tannulla xi jeddijiet, eżenzjonijiet jew privileġġi hekk garantiti.

(3) Il-garanzija mogħtija bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssehh għal perjodu ta' għaxar snin mill-ħruġ taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Proċedimenti kriminali.

54. (1) Ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att ma għandhom jinbdew mingħajr is-sanzjoni ta' l-Avukat Ġenerali.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx jolqtu xi proċedimenti kriminali li jistgħu ikunu kompetenti taħt xi liġi oħra.

(3) Meta dwar xi reat kontra xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, l-att jew nuqqas li jikkostitwixxi r-reat ikun jista' jiġi attribwit direttament lil persuna jew persuni li jkunu kjarament identifikabbli, u dik il-persuna jew dawk il-persuni jinsabu ħatja ta' dak ir-reat, il-qorti ma tkunx meħtieġa tikkundanna wkoll xi persuna oħra jekk tkun sodisfatta illi dik il-persuna ma kellha ebda sehem fir-reat u li minħabba fl-imġieba tagħha jew ċirkostanzi oħra ma jkunx jistħoqqilha li tiġi kkundannata.

Emenda ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali.

55. L-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali għandha tiġi emendata bis-sostituzzjoni, għall-artikolu 69 tagħha, ta' l-artikolu li ġej:

"Isem tal-kumpannija.

69. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kumpannija tista' tissejjaħ b'kull isem, iżda dak l-isem għandu jkollu l-kelma *"limited"* bħala l-aħħar kelma.

(2) Kumpannija ma għandhiex tiġi reġistrata b'xi isem li:

(a) ikun l-istess bħala isem ta' kumpannija reġistrata oħra jew li jkun tant jixxiebaħ li fil-fehma tar-Reġistratur jista' joħloq konfużjoni; jew

(b) ikun fil-fehma tar-Reġistratur offensiv jew altrimenti sgradevoli; jew

(ċ) ikun ġie riservat għar-reġistrazzjoni ta' kumpannija oħra wara avviż bil-miktub lir-Reġistratur mogħti mhux aktar kmieni minn tliet xhur qabel id-data tat-tieni rikjesta;

Iżda r-Reġistratur għandu jinnotifika b'kull rifjut taħt dan l-artikolu mingħajr dewmien lill-persuna li titlob ir-reġistrazzjoni.

(3) Kumpannija ma għandhiex tiġi reġistrata b'isem li jinkludi l-kelma *"nominee"* kemm-il darba ma tkunx kumpannija li tikkwalifika għar-reġistrazzjoni bħala kumpannija *nominee* taħt l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta.

(4) Persuna jew persuni li jikkumerċjaw jew imexxu negozju jew attività oħra —

(a) taħt isem jew titolu li tiegħu il-kelma *"limited"*jew taqsir jew imitazzjoni ta' dik il-kelma, tkun l-aħħar kelma u li ma tkunx l-isem ta' kumpannija reġistrata kif imiss taħt din l-Ordinanza; jew

(b) taħt isem jew titolu li jkun fih il-kelma *"nominee"*, jew taqsir jew imitazzjoni ta' dik il-kelma, u li ma tkunx l-isem ta' kumpannija li jkollha *warrant*, li jkun fis-seħħ dak iż-żmien, maħruġ taħt l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta, jew l-Att ta' l-1988 dwar l-*Offshore Trusts*, li jawtorizza lil dik il-kumpannija taġixxi bħala kumpannija *nominee* għall-finijiet ta' dawk l-Atti,

taħel meta tinsab ħatja l-pieni ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira u piena oħra li ma tkunx iżjed minn għaxar liri għal kull ġurnata li fiha jitkompla r-reat.".

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 25)

Drittijiet li Jitħallsu minn Kumpanniji 'Offshore'

	MAR-REĠISTRAZZJONI Lm	DRITT ANNWALI Lm
(a) Dwar kumpannija *offshore* bankarja —	25,000	25,000
(b) dwar kumpannija *offshore* ta' assigurazzjoni, li ma tkunx kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni *captive* —	5,000	5,000
(ċ) dwar kumpannija *offshore* ta' kummerċ għall-investiment kollettiv —	5,000	5,000
(d) dwar kumpannija *offshore* ta' l-assigurazzjoni *captive* —	1,000	1,000
(e) dwar kumpannija *offshore* ta' kummerċ ġenerali ħlief għal kumpannija imsemmija fil-paragrafu (ċ) hawn fuq —	1,000	1,000
(f) dwar kumpannija *offshore* mhux kummerċjali —	500	500

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 34)

Dikjarazzjoni minflok Prospett ta' Taxxa dwar Kummpannija 'Offshore' mhux Kummerċjali

---

Dikjarazzjoni mid-Direttur Waħdieni/Segretarju ta' Kumpannija *Offshore* Mhux Kummerċjali minflok Prospett ta' *Income* u ta' Attiv Kapitali taħt l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Sena ta' Stima .....

Aħna ..... u ..... tnejn mid-diretturi ta' ..... il-kumpannija *nominee li hija d-direttur waħdieni/segretarju ta'* ..... *kumpannija offshore* mhux kummerċjali reġistrata taħt l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att") solennement u sinċerament niddikjaraw li aħna assigurajna ruħna mill-aħjar li stajna illi l-imsemmija kumpannija *offshore* tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa bl-Att sabiex tkun tista' tibqa' kumpannija *offshore* mhux kummerċjali u biex ma jkollhiex taxxabbli l-*income* imsemmi fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 30 ta' l-Att kif hemm provdut f'dak l-artikolu, u li konsegwentement:

(a) l-imsemmija kumpannija *offshore* hija eżentata mill-ħlas tat-taxxa fuq l-*income* għas-sena ta' stima .....;

(b) il-membri ta' l-imsemmija kumpannija huma kollha persuni kwalifikati biex ikollhom azzjonijiet fil-kumpannija u ebda persuna ħlief persuna kwalifikata ma għandha interess fil-kumpannija jew xort'oħra għandha setgħa ta' votazzjoni jew setgħa oħra ta' kontroll fil-kumpannija;

(ċ) l-imsemmija kumpannija mhix f'qagħda li titlef xi dritt, eżenzjoni jew privileġġ ieħor mogħti bl-Att għal xi raġuni tkun xi tkun.

Aħna qegħdin nagħmlu din id-dikjarazzjoni b'għarfien sħiħ tal-pieni stabbiliti bl-Att għal dikjarazzjonijiet inkorretti jew foloz.

Firma ....

Nru. tal-Karta ta' Identità ....

Professjoni ....

Indirizz ....

Datata ....

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 158 tat-2 ta' Novembru, 1988.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati